# DAWL FRANĠISKAN
LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN





## Kemm hu sew li aħna hawn!

6 ta' Awissu

**Solennità tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej**


AWISSU / SETTEMBRU 2001 • Il-21 SENA • GĦADD 212 • NEWSPAPER POST

# Werrej...


EDITORJAL 3
*minn P. Joe Alessandro OFMCap*

BIBBJA 4
Mara Liebsa x-Xemx
*minn P. Donat Spiteri OFMCap*

RIFLESSJONI U AZZJONI 6
Teleskopju fuq il-Ħajja
*minn P. William Axiaq OFMCap*

AĦBARIJIET KAPUĊĊINI 8
Il-Kapitlu Provinċjali ...





KENJA 10
Jiktbilna P. Maurice Cassar
minn Mpeketoni

L-EVANĠELJU TA' S. MATTEW 12
L-Isem ta' Ġesù
fl-Evanġelju ta' San Mattew
*minn P. Martin Micallef OFMCap*

ĦAJJA NISRANIJA 14
Ħjiel storiku fuq il-Ġimgħa ta'
Talb għall-Għaqda ta' l-Insara
*minn Bro. Mario Attard OFMCap*

KULTURA FRANĠISKANA 16
San Franġisk fl-Arti (7)
*minn P. Martin Micallef OFMCap*





KUBA 18
Jiktbilna Fr. Philip Cutajar

IT-TWEĠIBA 20
*minn P. William Axiaq OFMCap*





O. F. S. 21
Ġdid u attwali dejjem
*minn P. Frans Abela OFMCap*

ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI 22
Il-Buffi u Aħna ...
*minn Anthony Fitzpatrick gi.fra.*

NEKROLOĠIJU 24
Tifkira ta' P. Sebastjan Bonavia
*minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap*

SPIRITWALITÀ FRANĠISKANA 26
Radd ta' ħajr fis-Salib
*minn Bro. Antoine Ebejer OFMCap*

NOVELLA 27
Niġi Minnha
*minn Lina Brockdorff OFS*

POEŻIJA 29
Lil Marija Addolorata
*minn Frank Mercieca*

IT-TISLIBA 30
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

VOKAZZJONIJIET 31
Ċentru Vokazzjonijiet Kapuċċini
*minn Bro. Dennis Calleja OFMCap*



DAWL FRANĠISKAN

**AWISSU / SETTEMBRU 2001**
**Il-21 sena • Għadd 212**




**Qoxra 1:**
***It-Trasfigurazzjoni tal-Mulej.***
***Mużajk fil-Bażilika tat-Trasfigurazzjoni.***
***Isfel tidher il-Muntanja Tabor bil-pjanura tagħha.***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Anne Marie Mifsud gi.fra.
Noel Pace



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**DISINN U LAYOUT:**
IMAGE 2000 LTD, FGURA
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.

Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.

Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# EDITORJAL

minn *Fr. Joe Alessandro OFMCap.*

# *Kemm hu sew li aħna hawn!*

Qegħdin fl-istaġun tas-sajf, iż-żmien tal-vaganzi u mistrieħ. Matul dawn ix-xhur naħseb li ngħiduha aktar minn darba din l-espressjoni: "Kemm hu sew li aħna hawn!". Ngħiduha meta wara ġurnata sħana nsibu ruħna f'xi post *air conditioned* biex nieklu jew nirrilassaw ftit ruħna. Ngħiduha meta nkunu f'xi post għad-dell ħdejn il-baħar u jkun hemm iż-żiffa ħelwa tar-riħ. Qaluha wkoll dawk li kellhom l-opportunità li jsiefru u jmorru qalb il-ħdura tal-muntanji u għall-arja friska li jafu joffru postijiet bħal dawn. Insomma, inħossuna sew meta għal ftit inkunu nqtajna mir-ritmu u mill-ġirja tal-ħajja. Fil-fatt, il-ħajja hija mixja, jew aħjar ġirja li kultant taqtgħalna nifisna. U allaħares ma jkunux dawn il-mumenti li fihom nieqfu ftit napprezzaw il-mistrieħ u s-sabiħ ta' madwarna. Dawn il-mumenti, anke jekk qosra, jagħtuna ħafna enerġija u qawwa biex inkunu nistgħu nkomplu fir-rutina ta' kuljum.

Tajjeb li nħarsu 'l quddiem lejn dawn il-mumenti u ma niqfux inħarsu biss lejn id-diffikultajiet u t-toqol tal-ħajja ta' kuljum, għax inkella, mhux biss ma nimxux 'l quddiem, iżda talli naqtgħu qalbna u nitkissru.

Meta wieħed jew waħda jiġu biex jitgħallmu jsuqu r-rota, l-ewwel esperjenzi jkunu ta' biża'. Sakemm jitilqu jibdew iżommu mal-ħajt jew ma' xi ħaġa oħra, u hekk kif isibu ruħhom ma jżommu ma mkien jiffissaw għajnejhom fuq ir-rota ta' quddiem tal-*bicycle*, u dlonk isibu ruħhom fl-art. Dan ġara lili wkoll, iżda kien hemm min tani parir u qalli li meta nsuq ir-rota m'għandix inħares lejn ir-rota ta' quddiem, imma għandi nħares 'il bogħod fejn jien sejjer. Ippruvajt u rnexxieli.

U fil-ħajja jiġrielna l-istess. Jekk inħarsu biss lejn dak li nkunu għaddejjin minnu, faċli naqgħu. Irridu nħarsu 'l quddiem lejn fejn sejrin.

L-Appostli ġralhom l-istess. Meta Ġesù kellimhom fuq it-tbatija u l-mewt tiegħu huma tħawdu u tfixklu. Iżda biex jagħmlilhom kuraġġ stedinhom iħarsu aktar 'il quddiem, lejn il-glorja li kien hemm tistennieh wara t-tbatija. U kien għalhekk li ħa miegħu lil Pietru, Ġwanni u Ġakbu fuq it-Tabor u tbiddel quddiemhom. Dan għamlu biex jagħmlilhom il-qalb u ma jibżgħux. U fil-fatt, Pietru tant ħassu fil-ġenna ta' l-art li qal: "Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn!" Iżda kien għad fadlilhom x'jimxu u x'iġarrbu tbatija u tfixkil.

Dan hu l-ħsieb tas-Solennità tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej nhar is-6 ta' Awissu. Il-Mulej jagħmlilna l-kuraġġ fl-għeja tal-ħajja billi jfakkarna biex inħarsu 'l quddiem, lejn il-glorja li qed iħejji għalina.



# Mara Liebsa x-Xemx

minn P. Donat SPITERI OFMCap.

L-awtur ta' l-Apokalissi jqegħdilna quddiem għajnejna d-dehra sabiħa ta' "Mara liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha" (12, 1). Il-figura ta' din il-Mara sabiħa tfakkarna f'Marija, omm Ġesù fil-glorja tagħha fis-sema. Oħrajn jaraw fiha figura tal-Knisja. Liema hi l-aħjar interpretazzjoni ta' din il-viżjoni?

Tassew, l-ewwel ħsieb li jiġina, kif naqraw dan il-kliem, hu dak fuq l-imqaddsa Verġni Marija fil-glorja tas-sema. Hekk aħna mdorrijin naħsbu bit-tradizzjoni tagħna. F'dan is-sens fil-Quddiesa tas-solennità tat-Tlugħ ta' Marija fis-sema naqraw dawn il-versi b'applikazzjoni tajba għal din l-okkażjoni. Il-Papa Piju XII fil-Bolla *Munificentissimus Deus*, fuq l-Assunzjoni ta' Marija fis-sema (1950) isemmi wkoll dan it-test ta' l-Apokalissi, mhux bħala argument bibliku, iżda b'xhieda ta' l-interpretazzjoni marjoloġika tiegħu fil-kitbiet ta' xi wħud mill Missirijiet tal-Knisja. Madanakollu dawn ma kenux ħafna u lanqas mill-eqdem żmien; bdew mis-seklu VI 'l quddiem u komplew maż-żmien, forsi aktar b'sens ta' devozzjoni milli ta' kritika interpretattiva. Fil-fatt f'dawn il-versi l-Mara hija ppreżentata bħal omm il-Messija. Ma jistax ikun li preżentazzjoni bħal din ma tfakkarniex f'Marija, omm Ġesù. Mhix hi Omm il-Messija?

Imma l-kliem li bih l-awtur jiddeskrivi d-dehra tal-Mara liebsa x-xemx ma japplikax kollu għal Marija. Żgur li ma jinżlilniex tajjeb b'applikazzjoni għaliha dan il-kliem: "Hija kienet fit-tqala u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles" (12, 2). "U d-Dragun mar quddiem il-Mara li kienat se tiled, biex kif tiled lil Binha jibilgħu" (12, 4). "U d-Dragun imtela bil-korla għall-Mara, u mar biex jagħmel gwerra lill-bqija ta' nisilha ..." (12, 17) u kliem ieħor bħal dan.


*It-tlugħ ta' Ġesù fis-Sema.*
*Monasteru tal-Benedittini, Ġerusalemm.*

Skond l-opinjoni komuni u ġenerali ta' l-interpreti, antiki u moderni, l-awtur ta' Apokalissi 12 bid-dehra tal-Mara liebsa x-xemx u b'dak li jgħid fuqha fehem juri figura tal-Knisja. Oħrajn, l-aktar fost l-awturi kattoliċi, dehrilhom li l-Mara hi Marija omm il-Messija Ġesù, jew li hi l-Knisja u Marija fl-istess ħin. Hi l-Knisja fis-sens primarju u hi Marija f'sens sekondarju inkwantu l-awtur f'Marija ra x-xbieha tal-Knisja.

Jiġifieri, għandna quddiemna żewġ interpretazzjonijiet tal-Mara ta' l-Apokalissi: l-interpretazzjoni ekkleżjoloġika, b'riferenza għall-Knisja, u l-interpretazzjoni marjoloġika, b'riferenza għal Marija.

It-tnejn jistgħu jkunu għax it-tnejn jagħtu sens tajjeb. Jistgħu jkunu separatament minn xulxin, jew il-waħda jew l-oħra, u jistgħu jkunu t-tnejn flimkien, kordinati ma' xulxin u kumplimentari ta' xulxin. Dak li jgħodd hu li l-interpretazzjoni tkun skond l-intenzjoni ta' l-awtur. Aħna x'fehem jgħid l-awtur irridu naslu biex nifmhu u mhux dak li nixtiequ nifhmu aħna. F'dan il-kas ta' l-Apokalissi x'fehem jgħid l-awtur nistgħu nagħrfuh mill-kuntest ġenerali ta' l-istess ktieb. Nafu li b'dan id-dramm apokalittiku l-awtur fehem ifisser is-sitwazzjoni iebsa tal-Knisja fit-taqbida tagħha kontra l-ħażen fuq din l-art u jħabbar ir-rebħa finali tagħha fuq il-forzi tal-ħażen, qliel u tal-biża'.

Ix-xena tal-persekuzzjoni tad-Dragun kontra l-Mara, mibnija fuq Ġen 3, 15, li tintemm bir-rebħa tal-Mara, taqbel ma' dan l-iskop ġenerali u tfissru tajjeb ħafna. F'dan is-sens il-Mara hi figura tal-Knisja: "Hi wildet iben" (12, 5). F'sens metaforiku nistgħu ngħidu li Ġesù Hu "iben" il-Knisja, għax minnha jiġi u hi tagħtih lill-bnedmin. U bih tagħmilhom uliedha, "il-bqija ta' nisilha" (12, 17). Hi "fid-deżert" ta' din l-art għal żmien determinat; hi dejjem imħabbta mill-ħażen tad-Dragun (12, 18). Imma r-rebħa ta' l-aħħar tkun tagħha.

Dawn huma l-punti ewlenin ta' l-interpretazzjoni ekkleżjoloġika, li tara fil-figura tal-Mara il-personifikażżjoni tal-Knisja. Hi l-interpretazzjoni tal-Missirijiet tal-Knisja ta' l-ewwel sekli. Imma, skond ħafna studjużi ta' żmienna, din l-interpretazzjoni ma teskludiex li naraw fil-figura tal-Mara lil Marija, omm Ġesù. Anzi jidhrilhom li ma jistax ikun li l-awtur ta' l-Apokalissi - wisq iktar jekk kien l-istess wieħed tar-raba' Evanġelju - ma ħasibx f'Marija, "il-Mara", omm Ġesù (ara Gw 2, 1.4; 19, 25-27). Fl-istess persuna ta' Marija seta' jara sewwa ħafna s-simbolu tal-Knisja.

Għalkemm fl-intenzjoni primarja tiegħu kellu f'moħħu lill-Knisja, fil-figura tal-Mara, dan l-istess ħsieb seta' wrieh fuq il-persuna u l-missjoni ta' Marija. L-interpretazzjoni ekkleżjoloġika ma teskludix il-possibbiltà ta' l-interpretazzjoni marjoloġika tal-"Mara liebsa x-xemx".

Hekk naslu biex ngħidu li l-awtur ta' l-Apokalissi seta' ħa l-Mara bħala simbolu tal-Knisja mill-figura ta' Marija, kif ukoll l-awtur tar-raba' Evanġelju seta' ra l-Knisja fil-persuna ta' Marija, omm Ġesù, ħdejn is-salib tiegħu (Ġw 19 , 25).



*Il-Madonna tal-Ħarsien.*
*Ikona tas-Seklu XVIII.*

B'din ir-riflessjoni naraw fil-figura tal-Mara sens doppju, kif iħobb jagħmel l-awtur tar-raba' Evanġelju (ara Ġw 3, 3; 13, 1; 19, 30). Fil-każ tagħna hu s-sens ekkleżjoloġiku, b'riferenża għall-Knisja skond l-intenzjoni primarja ta' l-awtur, u s-sens Marjoloġiku b'riferenża għal Marija.

L-interpretazzjoni marjoloġika tal-"Mara liebsa", għalkemm hi sekondarja fl-intenzjoni ta' l-awtur, issaħħaħ u tfisser aħjar l-interpretazzjoni ekkleż-joloġika bid-dehra sabiħa ta' Marija, "ix-xbieha u l-mudell l-aktar perfett tal-Knisja (*Lumen Gentium*, n. 53). ❑





# Kliem il-Ħajja

- *Qari tal-Bibbja għal kuljum*
- *Tliet kotba fis-sena, kull erba' xhur*
- *Abbonament għal sena: Lm 1.00*
- *Għal aktar tagħrif iktbu:*
  *Kliem il-Ħajja, Kunvent tal-Kapuċċini*
  *Floriana VLT 14*
  *jew ċemplu 234949 / 225525*

**Publikazzjoni ta'**
**l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Maltin**

# Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ OFMCap.

Fil-ħajja, kuljum, jiġru jew jingħadu affarijiet minn filgħodu sa filgħaxija li, meta tħabbat wiċċek magħhom jew tisma' dwarhom, bilfors ikollok tirrifletti u tasal għall-konklużjonijiet tiegħek. Se nsemmi tliet affarijiet partikulari, ninnutawhom fil-knisja, meta mmorru għall-quddies ta' nhar ta' Ħadd, jew tal-festi; nosservawhom f'ħafna mid-djar tal-familji tagħna; nintebħu bihom meta nisimgħu ġenituri b'liema mod jitkellmu fuq il-ġejjieni ta' wliedhom wara li jispiċċaw mill-iskola.

## 1 KATAVRI PREŻENTI GĦALL-QUDDIES

Nhar ta' Ħadd, jew f'ċerti festi kmandati, ġieli nqum ferħan u ġieli nqum imdejjaq. Insebbaħ kuntent meta nkun naf li sejjer inqaddes quddiesa tat-tali ħin fit-tali knisja u żgur se niltaqa' ma' miġemgħa liturġika li se tagħtini gost bil-parteċipazzjoni ħajja tagħha. Noħroġ mill-friex imdejjaq meta niftakar li rrid mmur niċċelebra l-quddiesa fit-tali ħin u fit-tali mkien imqaddes u, bla dubju ta' xejn, se nħabbat wiċċi ma' assemblea mejta, bla forża spiritwali.



Ċertu quddies tal-Ħdud u l-Festi l-veru ma jgħid xejn. In-nies preżenti jkollhom telqa kbira fuqhom. Jintasbu bilqiegħda fuq il-bankijiet b'atteġġament passiv. Lanqas il-fuljett tal-quddiesa ma jkollhom forza jaqbdu f'idejhom, aħseb u ara kemm se jindenjaw ruħhom jgħidu, iwieġbu u, iżjed u iżjed, ikantaw. Avolja ċ-ċelebrant jipprova jħeġġiġhom biex iqumu u jieħdu sehem, xorta waħda jibqgħu bla saħħa spiritwali. Il-kelma tiegħu jkollha mill-ilma fuq il-ġwienaħ tal-papra; ma tħalli l-ebda effett.

Bħala saċerdot, fil-bidu kont ninkwieta quddiem sitwazzjoni bħal din li tbikkik, li ma tantx irranġat ruħha, avolja għaddew tant u tant snin mir-riforma liturġija sallum. Issa m'għadnix nitbaqbaq. Kif jista' jkun il-poplu jieħu sehem attiv fil-liturġija meta m'għandux tagħlim fuq is-saċerdozju tal-lajċi, u meta ħafna nies li jiġu l-knisja nhar ta' Ħadd u fil-festi ma jkunux talbu weħidhom u mal-familji tagħhom matul il-ġimgħa? Kif jistgħu jipparteċipaw fil-liturġija ewkaristika jekk il-ħajja spiritwali tagħhom hija xotta iżjed mill-frawli? Kif jistgħu jiġu l-knisja b'pass mgħaġġel u vuċi għolja, jekk il-ħajja tal-fidi, fuq livell personali u familjari, hija taħt iż-żero?

Kos, x'ħasra! Imma din hija r-realtà. Din turi fatti, iżda, li jridu jħarkuna biex inqumu mill-passività tagħna u nagħmlu xi ħaġa. San Irinew kien qal li l-ikbar glorja ta' Alla hi bniedem tassew fuq tiegħu. Iva, hemm bżonn immorru għall-quddies, speċjalment tal-preċett, u nkunu fuq tagħna matul il-quddiesa, bħalma nkunu hekk waqt disko, quddiem it-TV waqt xi logħba futbol, iżjed u iżjed meta jilgħab it-tim tagħna u jibda jirbaħ, f'xi *"mass meeting"* ... Imma ma nistgħux inkunu spiritwalment fuq tagħna fil-knisja waqt iċ-ċelebrazzjoni ta' l-Ewkaristija jekk ma nkunux fuq tagħna spiritwalment fi djarna matul il-ġimgħa.

**• *Ġesù, fehemni li l-ħeġġa fil-liturġija fil-knisja tiddependi ħafna mill-grad tal-fidi fil-Knisja tad-dar.***

## 2 FANTASIJA FIL-FIDI D-DAR

Id-djar tagħna mimlijin fantasija u immaġinazzjoni. Tħares fejn tħares ma tarax ħlief kreattività kbira fl-isem tad-dar, fil-purtieri, fl-għamara, fit-tagħmir tad-dar ... Ma tilmaħx għajr l-aħħar gosti f'kollox: fix-xambrelel, fil-paviment, fl-inkwatri, fil-makramè, fil-



kċina. Dan ifisser li fejn irridu nafu nużawh moħħna. U kif! Imma nistaqsi: fejn tidħol il-ħajja nisranija d-dar, moħħna qed jixgħel jew dejjem mitfi?

Fid-djar tagħna mdorrijin ngħidu r-Rużarju, min għadu jgħidu. Imma kemm hemm kreattività meta jirnexxilna ngħiduh flimkien bħala familja? X'aktarx li ngħiduh bil-kantaliena tas-soltu, bla ftit kulur.

Matul is-sena niċċelebraw ċerti festi li jisfidaw il-familji tagħna biex jagħmlu xi ħaġa mhux tas-soltu fejn tidħol il-ħajja tal-fidi d-dar. Ngħidu aħna, kif jista' jkun tasal il-festa ta' Kristu Re, il-festa ta' San Pawl Nawfragu u, iżjed u iżjed, il-festa ta' l-Għid il-Kbir u fil-familji tagħna ma ninġabrux billi nagħmlu stqarrija ta' fidi, ħalli nġeddu l-wegħdiet tal-magħmudija tagħna, jew nerġgħu nagħżlu mill-ġdid li rridu nħobbu iżjed lil Kristu f'ħajjitna?

Dan is-sens ta' fantasija fil-ħajja spiritwali fid-dar jiddependi ħafna mill-ħerqa, mill-persważjoni u mill-awtorevolezza tal-ġenituri. Dawn iridu jifhmu li kif id-dar dejjem trid fejn jidħlu affarijiet materjali, hekk ukoll dejjem trid fejn jidħlu valuri spiritwali. Jekk jagħrfu jorganizzaw sewwa l-ħajja tal-fidi d-dar, skond iż-żmien li qed ngħixu fih llum, żgur li jinħass iżjed Alla bejn il-ħitan tad-djar tal-familji tagħna.

***• Mgħallem Divin, għinni ħalli nuża moħħi fil-ħajja tad-dar, anki fejn jidħlu l-valuri tas-Saltna tiegħek.***

## 3 SKEJJEL TAL-KNISJA U KARRIERA TA' L-ULIED

F'Malta qegħdin ngħixu f'ironija kbira. Hawn ħafna ġenituri, l-aktar ommijiet, li ħalfu li, jiġri x'jiġri, uliedhom, minn hawn u minn hemm, iridu jidħlu fl-iskejjel tal-Knisja. Dan qed jiġri għaliex konvinti li dawn l-imkejjen ta' tagħlim huma tajbin ħafna, kif fil-fatt huma.

Meta tibda tinnota ċerti affarijiet tinduna li ħafna minn dawn il-ġenituri jridu jdaħħlu b'kull mod 'l uliedhom fl-iskejjel tal-Knisja minħabba raġunijiet egoistiċi biss. Iriduhom hemm biex jitgħallmu ħafna, ħalli 'l quddiem jagħmlu karriera fil-ħajja. Iriduhom kważi bilfors fl-iskejjel tal-Knisja imma mhux biex, forsi, tiġihom il-vokazzjoni u jwittu t-triq għall-ħajja reliġjuża jew saċerdotali. Din il-ħaġa la tgħaddilhom minn moħħhom u lanqas iridu joħolmuha. Iridu 'l uliedhom fl-iskejjel tal-Knisja biex jirnexxu fil-ħajja u 'l quddiem jagħmlu isem u flus fil-politika, fil-professjoni, ... Dan huwa t-tir ta' ħafna ġenituri. Dawn għal kollox qegħdin jaħsbulhom lil uliedhom barra għal ħwejjeġ li jibqgħu wara din il-ħajja.



Naħseb li din il-mentalità, fost affarijiet oħra, qiegħda tfixkel lit-tfal u liż-żgħażagħ milli jħaddnu l-ħajja kkonsagrata jew saċerdotali. Kieku l-ġenituri jagħrfu l-kobor tal-vokazzjoni sagra, u minħabba f'hekk jitħabtu biex idaħħlu 'l uliedhom fl-iskejjel tal-Knisja, kieku s-sitwazzjoni fil-vokazzjonijiet, forsi, tibda tkun aħjar.

***• Mulej, agħtina ġenituri b'moħħhom iżjed fil-possibbiltà ta' vokazzjoni sagra milli fil-karriera ta' wliedhom meta dawn jibdew jiffrekwentaw xi skola tal-Knisja.***

## Ħajr lill-parruċċani tal-Marsa - Trinità

**Nhar il-Ħadd, 24 ta' Ġunju 2001, membri mill-Kummissjoni Missjoni tal-Parroċċa tat-Trinità Mqaddsa,il-Marsa, offrew ċekk ta' Lm 2,000 lis-Segretarju tal-Missjoni, Fr Joe Alessandro OFMCap., bħala għajnuna lill-missjoni tal-Kapuċċini Maltin.**

**Din is-somma nġabret matul is-sena mingħand familji tal-parroċċa li impenjaw ruħhom li ta' kull xahar jagħtu kontribuzzjoni, minn attivitajiet ta' l-istess Kummissjoni Parrokkjali Missjoni, mill-offerti li għamlu t-tfal ta' l-Ewwel Tqarbin u minn ġbir ieħor. Fr. Joe radd ħajr f'isem il-missjunarji Kapuċċini Maltin, u qal li s-somma ta' elfejn lira Maltin hija somma kbira ħafna kemm fl-ammont ta' flus kif ukoll fl-ammont ta' sforzi minn ħafna familji u individwi, żgħar u kbar, li tiġborhom flimkien juru l-qalb ġeneruża u l-imħabba tal-poplu Marsi lejn il-missjoni. Grazzi lill-Kappillan, Fr. Emanuel Abela OFMCap., lill-Aħwa tal-Fraternità, lill-Kummisssjoni Parrokkjali Missjoni u lill-komunità parrokkjali kollha.**



# Il-Kapitlu Provinċjali tal-Kapuċċini Maltin

Mill-21 sa' l-24 ta' Mejju 2001, l-Aħwa Franġiskani Kapuċċini Maltin kienu miġburin fis-Seminarju ta' l-Arċisqof, f'Tal-Virtù, ir-Rabat, għat-63 Kapitlu Provinċjali. Matul dan il-Kapitlu ħadu sehem 75 Aħwa, taħt it-tmexxija ta' Fr Ermanno Ponzalli, ex-Vigarju tal-Ministru Ġenerali ta' l-Ordni tal-Franġiskani Kapuċċini.

Fr Crispin Tabone, reġa' ġie elett bħala l-Ministru Provinċjail. Flimkien miegħu ġie elett Fr Joe Alessandro bħala Vigarju Provinċjali. Fr Dominic Mangani, Fr Martin Micallef u Fr Joe Saliba ġew eletti bħala Definituri Provinċjali *(ritratt isfel)*.

Il-jiem tal-Kapitlu kienu esperjenza sabiħa ta' fraternità fejn l-Aħwa preżenti ddiskutew flimkien u ħadu deċiżjonijiet fuq il-ħajja, il-ministeru u l-ħidma tagħhom kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta.



Għal dan il-Kapitlu kien hawn preżenti wkoll Fr George Bezzina, il-Viċi-Provinċjal tal-Viċi-Provinċja tal-Kenja, flimkien ma' Br Joseph Sifuna, Kapuċċin Kenjan li ġie jirrappreżenta lill-Kapuccini li qed jaħdmu fil-Kenja.



# Kor Fjur ta' Assisi

"OMM TAL-GRAZZJA" huwa l-isem ta' CD ġdida b'ġabra ta' kant mill-***Kor Fjur t'Assisi***, tal-Knisja tal-Patrijiet Franġiskani Kapuċċini, Rabat, Għawdex. Il-***Kor Fjur t'Assisi*** twaqqaf fl-20 ta' Frar 2001 minn Patri Pawl Bugeja OFMCap. u hu taħt id-direzzjoni tas-Sur George Cremona. Il-kor, li hu magħmul minn 56 tifel u tifla ta' bejn is-6 u l-14-il sena, jagħti sehem sħiħ fiċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja tal-Kapuċċini f'Għawdex, kif ukoll ħa sehem f'attivitajiet korali reliġjużi u kulturali. L-ewwel debut tiegħu kien fil-Festival Marjan f'Mejju 2001, u f'Awissu bi ħsiebu jitla' l-Ġermanja biex ikanta f'diversi lokalitajiet. Nawguraw kull suċċess lil dawn it-tfal. Dan is-CD 'Omm tal-Grazzja' jista' jinkiseb mill-Kunvent tal-Kapuċċini tar-Rabat, f'Għawdex, jew mill-kunventi l-oħra tagħna.








Mrs. Helen Fenech, Sindku ta' San Ġwann, qed tippreżenta il-midalja u ċertifikat "Mertu San Ġwann" lil Fr. Albert Buttigieg OFMCap.

## Fr. Albert Buttigieg Mertu San Gwann

Il-Kunsill Lokali ta' San Ġwann ta għall-ewwel darba "Mertu San Ġwann", li huwa riko-noxximent lil dawk li taw is-sehem volontarju tagħhom b'risq in-nies tal-lokalità. Fost il-ħames midalji li ngħataw, waħda minnhom ingħatat lil Fr Albert Buttigieg OFMCap. għall-impenn assidju li ta fiċ-Ċentru Parrokkjali fejn ilaqqa' mat-360 żagħżugħ u żagħżuha ta' bejn it-12 u d-19-il sena.

## Philip Cutajar f'Malta għall-mistrieħ

Fr Philip Cutajar OFMCap, li għal dawn l-aħħar sentejn ħadem bħala kappillan f'żewġ parroċċi fid-Djoċesi ta' Santa Clara, fil-missjoni ta' Kuba, għandu jasal Malta għall-mistrieħ tiegħu nhar it-Tlieta, 14 ta' Awissu. Filwaqt li nagħtuh merħba fostna, nawgurawlu mistrieħ xieraq.



# KENJA



## Jiktbilna P. Maurice Cassar minn Mpeketoni

Hekk kif erġajt wasalt lura minn Malta komplejt bix-xogħol tiegħi bħala Gwardjan tad-Dar tal-Formazzjoni f'Umoja, fejn għandna ħames Aspiranti, żewġ Postulanti, Bro. Dennis Makoha li għadu kemm spiċċa in-Novizzjat fit-Tanzanija u ser ikun magħna sa l-aħħar ta' Settembru 2001, qabel imur iz-Zambia ħalli jibda l-Kors tal-Filosofija.

Bħala membri tal-Komunità ta' Umoja, minbarra jien, hemm Fr. Daniel Karaw, Kenjan, bħala Direttur ta' l-Aspiranti u tal-Postulanti, Bro. Zacharia Ndoria, Fratell Profess Solenni, li, barra li qed jgħin fil-formazzjoni, qed jieħu ħsieb l-għalqa tal-kunvent. Huwa jieħu ħsieb ukoll l-annimali, bħal baqar, tiġieġ, fniek, mogħoż, papri u dundjani. Miegħu issa għadu kemm ġie Bro. Moses Waihumbu (Profess sempliċi) li għadu kemm ħa Diploma fl-Agrikultura. Dan il-Fratell huwa Kappuċin minn Kihongwe fil-missjoni ta' Mpeketoni. Xi sena ilu ġie jgħix magħna Bro. James Kimani, li kien għadu kemm spiċċa l-kors bħala għalllem u issa qed jgħin ħafna fil-pastorali fl-iskejjel. Barra x-xogħol pastorali fil-Parroċċa ta' Mpeketoni għandi ħafna xogħol fl proġettl blex ngħin lin-nies fil-bżonn. Fost dawn il-proġetti jien qed ngħin lill-ħamsin student - bniet u subien - li qed jattendu fi skejjel sekondarji, billi nħallsilhom il-miżatl ll b'kollox ilaħħqu mal-LM1,250 kull term.

Proġett ieħor ta' importanza kbira għall-fqar tal-missjoni tagħna, li bdejt fil-1993, huwa ma' dawk li għandhom xi diżabilità fiżika jew mentali, li minn mindu bdejt dan il-proġett diġà għent iktar minn 60 tifel u tifla bi bżonnijiet speċjali.

Għal din is-sena 2001 se ngħin madwar 32 li jinsabu l-aktar fil-bżonn. Dawn nibagħthom fi skejjel speċjali għat-torox u muti, għall-għomja, u oħrajn nibgħatuhom fi sptarijiet għall-operazzjonijiet u kura speċjali. Oħrajn nipprovdulhom krozzi u żraben speċjali u anke







*wheelchairs*. Fost dawn qed ngħin wieħed li issa wasal fil-Form 3 fi skola sekondarja għat-tfal b'diżabilità. Student ieħor, wara li għennieh għall-iskola sekondarja, komplejna ngħinuh għall-università fejn qed jattendi kors għall-B.A. Dan dalwaqt jispiċċa t-tielet sena tal-kors tiegħu. Student ieħor għennieh biex jattendi kors ta' sena biex jieħu d-Diploma fis-*Sales & Marketing*. Naħseb li taf li hawnhekk l-iskola, li tibda minn *nursery*, primarja, sekondarja u l-università, trid tħallas għaliha.



Proġett ieħor huwa dak li qed ngħin mal-120 tifla u tifel fqar minn villaġġi differenti u li l-ġenituri tagħhom ma jistgħux iħallsulhom. Għall-iskola primarja u għall-kotba u l-uniformijiet qed ngħinhom biex ikunu jistgħu jkomplu bl-edukazzjoni tagħhom.

Billi l-maġġoranża tan-nies ta' hawn huma bdiewa, jiena qed ngħinhom billi nixtrilhom iż-żerriegħa tal-qamħirrun u tal-qoton. Jixtru wkoll l-insettiċidji, jaħartu l-għelieqi tagħhom bit-*tractors* tal-*mission*, u f'Ottubru li għadda bdejt ngħinhom ukoll jixtru pompi ta' l-ilma għat-tisqija. Kull pompa tqumilna mal-LM 250. Wara laqgħa li għamilna ma' dawk li xtaqu jixtru pompa, kollha qablu li jħallsu kwart minnha, u t-tliet kwarti l-oħra jħallsuhom fi żmien sena minn dak li jdaħħlu mill-prodotti tal-għalqa li, minħabba l-pompa, issa ser ikabbru iktar affarijiet. Minn dawk il-flus li jħallsuna l-bdiewa aħna nkunu nistgħu nerġgħu nixtru iktar pompi ħalli nerġgħu ngħinu iktar bdiewa, u hekk nagħmluhom *self reliant*. B'hekk ikunu jistgħu jlaħħqu ma' l-ispejjeż tal-mizati, mediċini u kura tagħhom u ta' wliedhom.

Nitlobkom li titolbu għall-Aspiranti u l-Postulanti tagħna biex il-Mulej, li huwa Sid il-ħsad, jgħinhom fil-vokazzjoni tagħhom u jibagħtilna ħafna vokazzjonijiet ħalli nkomplu, flimkien magħhom, ngħinu fit-twaqqif tal-Knisja fil-Kenja. ❏

# Mill-ġdid fostna



Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa fil-Kenja ser ikun il-mistieden taċ-ċelebrazzjonijiet li ser isiru fil-Festa tal-Madonna tal-Grazzja, f'Ħaż-Żabbar. Għalhekk huwa mistenni li jasal Malta għall-aħħar ġimgħa ta' Awissu. Nilqgħuh mill-ġdid fostna bil-ferħ.



Għall-bidu tax-xahar ta' Settembru għandu jkun hawn fostna wkoll P. Silvestru Bonavia OFMCap, li qiegħed jaħdem fit-Tanzanija bħala l-kappillan tal-parroċċa ta' Songea, u Br. Joe Vella OFMCap, li



għal dawn l-aħħar snin huwa wieħed mill-koordinaturi għall-iżvilupp fid-Djoċesi ta' Garissa fil-Kenja. Nagħtuhom merħba u nawgurawlhom ġranet ta' mistrieħ.


Bħalissa ninsabu fi bżonn ta' BOLOL u TELECARDS użati. Jekk int ikollok minn dawn, iġborhom u ibgħathomlna f'dan l-indirizz:

Uffiċċju Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14



Int ma titlef xejn u aħna naqilgħu minnhom għall-Missjoni.



# L-Isem ta' Ġesù fl-Evanġelju ta' San Mattew

minn P. Martin MICALLEF OFMCap

IS-SEBA' PARTI

Wara li fil-ħarġa li għaddiet rajna kif San Mattew jiftaħ l-Evanġelju tiegħu bit-titli li jagħti lil Ġesù Kristu "bin David, bin Abraham", u kif dawn huma akkumpanjati mill-ġeneoloġija, f'din il-ħarġa ser inkomplu nħarsu lejn aspett ieħor marbut ma' Ġesù li nsibuh fl-ewwel paġni ta' dan l-Evanġelju. Qed nirreferi għall-Isem, jew aħjar l-ismijiet li kellhom jiġu mogħtija lil Ġesù.



San Mattew - minjatura Seklu 11. Bodleian Library, Oxford

Skond Lq 1:31, hija Marija li kellha tagħti l-isem ta' Ġesù lit-tarbija li tnisslet fiha bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. L-isem tat-tarbija kien jingħata fiċ-ċerimonja taċ-ċirkunċiżjoni, li kienet issir tmint ijiem wara t-twelid (ara Lq 1:59). Iżda fl-Evanġelju ta' San Mattew, it-tħabbira ta' l-anġlu ma ssirx lil Marija, iżda lir-raġel tagħha, Ġużeppi. L-anġlu jgħid lil Ġużeppi: *"Hi se jkollha iben, u inti ssemmih ĠESÙ, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom"* (Mt 1:21).

L-Isem "Ġesù" huwa t-traduzzjoni Griega mill-Ebrajk ta' l-isem *JEXUA*, li huwa l-forma qasira ta' Ġożwè. It-tifsira oriġinali ta' Ġożwè aktarx tfisser "Jaħweh jgħin." Iżda l-isem kien marbut ma' l-għeruq Lhudi ta' "isalva" (js') u interpretat bħala "Alla jsalva." L-interpretazzjoni ta' l-isem ta' Ġesù, mela, hija marbuta mal-missjoni ta' Ġesù fil-pjan ta' Alla, jiġifieri, dik li jsalva "l-poplu tiegħu minn dnubiethom", kif l-anġlu stess jispjega lil Ġużeppi.

B'danakollu, San Mattew ma jispjegalniex f'dan il-waqt "kif" Ġesù kellu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom. Biex inwieġbu għal din il-mistoqsija jkollna nistennew sa l-aħħar ta' l-Evanġelju, eżattament fl-episodju ta' l-aħħar ċena (Mt 26:17-35).



*Iċ-ċirkonċiżjoni ta' Ġesù. Pittura ta' Andrea Mantegna (1431-1506), Galleria Degli Uffizi, Firenze.*

Din l-ikla kienet issir minn kull Lhudi bħala parti mill-festa ta' l-Għid Lhudi biex ifakkru l-ħelsien ta' missirijiethom mill-jasar ta' l-Eġittu. Waqt din l-ikla, Ġesù interrompa ċ-ċerimonja billi ħa l-ħobż u l-inbid li kienu jintużaw, u tahom tifsira ġdida. Tajjeb li ngħidu hawnhekk, li r-rakkont ta' din l-aħħar ċena f'San Mattew jaqbel ħafna ma' l-istess rakkont li nsibu f'Mk 14:12-31. Iżda San Mattew biddel xi affarijiet minn dak li sab f'San Mark, u dawn it-tibdiliet jirriflettu l-interess speċifiku tiegħu. L-aktar ħaġa li lilna tinteressana hawnhekk hija ż-żieda tal-frażi li tingħad fuq il-barka tal-kalċi bl-inbid: *"għall-maħfra tad-dnubiet."*

*"Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: 'Ixorbu lkoll minnu, għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, LI JIXXERRED GĦALL-KOTRA GĦALL-MAĦFRA TAD-DNUBIET'"* (Mt 26:28).

Dan it-tixrid tad-demm kellu jsir mela "għall-maħfra tad-dnubiet." U dan jerġa' jeħodna lura għat-tħabbira ta' l-anġlu lil Ġużeppi, meta, wara li ta l-isem ta' Ġesù lit-tarbija, spjegalu r-raġuni 'l għaliex ta dan l-isem lit-tarbija: "u inti ssemmih Ġesù, GĦAX hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom" (1:21). Din il-maħfra tad-dnubiet kellha sseħħ billi Ġesù jxerred demmu fuq is-salib. Hemm mela qbil u kontinwazzjoni bejn il-bidu u t-tmiem tan-narrattiva ta' San Mattew.



Bit-tixrid ta' demmu, Ġesù kellu jwaqqaf "Patt" ġdid. Għalkemm il-kelma "ġdid" hawn ma tissemmix mill-Evanġelista San Mattew - għalkemm insibuha f'San Luqa 22:20 - din tfakkarna fil-Patt li kien sar fuq il-muntanja Sinaj. Fl-Eżodu 24:8, naqraw hekk: *"Mosè, imbagħad, ħa d-demm u, hu u jroxx fuq il-poplu, qal: Hawn hu d-demm tal-patt li l-Mulej għamel magħkom skond dan il-kliem kollu."* Kif konna rajna aktar kmieni f'din is-serje ta' artikli, San Mattew joħloq paralleliżmu bejn Mosè u Ġesù. Bħalma Mosè kien daħħal lill-poplu f'Patt ma' Alla billi raxxax fuqhom id-demm ta' l-annimali, hekk issa Ġesù kien qed iwaqqaf Patt ġdid bit-tixrid ta' demmu stess, li kellu jwassal għall-maħfra tad-dnubiet.

S'issa mela rajna r-relazzjoni li hemm bejn l-espressjoni li nsibuha biss f'Mt 28:26 u l-interpretazzjoni ta' l-isem ta' Ġesù mogħtija mill-anġlu lil Ġużeppi f'1:21. Iżda eżattament wara 1:21, l-Evanġelista Mattew, jagħtina isem ieħor li kellu jingħata lil Ġesù, jiġifieri, l-isem ta' "GĦIMMANU-EL".

*"Hi jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom. Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal: 'Ara x-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El', li bi lsienna jfisser 'Alla magħna"* (1:21-23).

Mhumiex Marija jew Ġużeppi din id-darba li kellhom isemmu lil Ġesù Għimmanu-El, iżda t-test jitkellem fit-tielet persuna fil-plural "huma JSEMMUH " Min huma dawn l-"huma" li kellhom jagħtu l-isem ta' "Għimmanu-El" lil Ġesù? Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, is-suġġett tal-verb "isemmuh" huwa "l-poplu tiegħu" li jissemma fil-vers ta' qabel, il-v.21, jiġifieri, dawk li Ġesù kellu jsalvahom minn dnubiethom, u li għalhekk kellhom jagħrfu wkoll li Alla hu issa preżenti fil-persuna ta' Ġesù, għaliex huwa Alla li jista' jaħfer id-dnubiet.



*Profeta. Minjatura tas-Seklu 15, Bibjoteka Braidense, Milan.*

*Fuq nett: San Pietru u l-Appostli. Minjatura. Bibjoteka Veskovili, Padova, Italja.*

Mela, jekk il-missjoni ta' Ġesù kienet li jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom, dan juri wkoll li Ġesù hu tassew Alla! Alla hu "magħna" f'Ibnu Ġesù Kristu.

Il-frażi "il-poplu tiegħu" bil-Grieg, *ton laon autou* kienet tintuża għall-poplu ta' Alla, Iżrael. Iżda aħna nafu, li issa l-poplu l-ġdid ta' Alla ma kienx iffurmat biss mil-Lhud, imma mil-Lhud u l-Pagani, li flimkien jiffurmaw dak li San Mattew sejħilha "'il-Knisja" (16:18). Dawk, mela, li kellhom isejħu lil Ġesù bħala l-Għimmanu-El, kienu dawk stess li kellhom jaċċettaw u jagħrfu min kien Ġesù u x'kien għamel. Ġesù hu tassew Alla fost il-poplu tiegħu li ġie sabiex isalva lill-poplu tiegħu mid-dnubiet tagħhom billi jxerred demmu fuq is-salib.

Il-profezija ta' Isaija, li tiġi kkwotata f'Mt 1:23, issa kienet qed isseħħ tassew. Ġużeppi kellu jagħti l-isem ta' "Ġesù" lit-tarbija biex hekk Ġesù jidħol fil-linja ta' David, u għalhekk Ġesù jkun tassew jistħoqqlu jissejjaħ sa mill-bidunett ta' dan l-Evanġelju bħala "Bin David." Din hija l-importanza tal-persuna ta' Ġużeppi fin-narrattiva ta' l-Evanġelju. Kien bis-saħħa ta' Ġużeppi - li San Mattew jagħtih importnaza kbira fir-rakkonti tat-twelid - li Ġesù seta' legalment jidħol jagħmel parti min-nisel ta' David.

Min-naħa l-oħra, iżda, fil-futur "il-poplu", li dan Ġesù kellu jsalvah minn dnubietu, kellhom jagħtu lil Ġesù l-isem ta' "Għimmanu-El", għaliex fih għarfu li "Alla kien magħna" tassew fis-salvazzjoni li ġab Ibnu Ġesù Kristu.

L-Isem ta' "Ġesù", mela, mhuwiex sempliċiment formalità. Imma dan l-isem, li jissemma madwar 150 darba fl-Evanġelju ta' San Mattew, kull darba li jissemma jfakkarna fir-rabta tiegħu ma' l-isem "Għimmanu-El" u jurina li l-preżenza ta' dan l-isem fin-narrattiva tfisser salvazzjoni għal dawk kollha li jiltaqgħu miegħu u jsejħu dan l-isem. ❑

# Ħjiel storiku fuq il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda ta' l-Insara

minn Bro. Mario ATTARD OFMCap.



Il-Papa jmexxi Ċelebrazzjoni Ekumenika tal-Kelma fil-Bażilika ta' San Pawl (25/01/2001)

Il-ġimgħa ta' talb għall-għaqda ta' l-Insara taf il-bidu tagħha fil-Knisja Anglikana, fl-1908 ġewwa l-Istati Uniti ta' l-Amerika, fi Graymoor, Hudson Valley, New York. Għaxar snin qabel, fi Graymoor, Rev. Paul James Wattson, qassis Anglikan, flimkien ma' l-Anglikana Lurana Mary White, waqqfu l-kongregazzjonijiet reliġjużi Franġiskani hekk imsejħa *The Society of the Atonement*. Wattson ħabrek kemm felaħ għall-għaqda bejn il-Knisja Anglikana u l-Knisja Kattolika Rumana. Tajjeb wieħed jgħid li Wattson saħaq fuq ir-rwol tal-papat fl-għaqda ta' l-Insara.

Numru żgħir ta' Anglikani ħaddnu l-ħolma ta' Rev. Wattson. Wieħed minnhom ma kien ħadd għajr Rev. Spencer Jones, ir-rettur tal-Knisja Anglikana, kif ukoll kittieb mill-aqwa fil-qasam kateketiku. Fl-1907, Jones issuġġerixxa lil Wattson li nhar il-festa ta' San Pietru kellu jinżamm bħala jum ta' talb mad-dinja kollha għall-għaqda ta' l-Insara. Filwaqt li l-idea għoġbot lil Wattson mhux ftit, dan ta' l-aħħar ħareġ bis-suġġeriment li l-"Ġimgħa għall-għaqda tal-Knisja" kellha tinżamm mill-festa tal-Katedra ta' Pietru (f'dak iż-żmien kienet tiġi ċċelebrata fit-18 ta' Jannar) u tispiċċa fil-festa tal-Konverżjoni ta' San Pawl ( 25 ta' Jannar).

"Il-Ġimgħa għall-għaqda tal-Knisja", li nżammet għall-ewwel darba fl-1908, ġiet aktar tard imsejħa minn Rev. Wattson bħala "L-Ottava għall-għaqda tal-Knisja", minħabba l-fatt li kien hemm tmint ijiem bejn iż-żewġ festi. Is-sena ta' wara, l-Aħwa tas-*Society of the Atonement* ġew milqugħa fil-Knisja Kattolika Rumana. Parti mill-appostolat tagħhom, li hu t-talb u l-qadi għat-twettiq tat-talba ta' Ġesù "li jkunu lkoll ħaġa waħda", il-patrijiet u s-sorijiet tas-*Society of the Atonement* issoktaw ixerrdu l-Ottava għall-għaqda tal-Knisja. Sadanittant, il-moviment "Fidi u Ordni" wera mhux biss interess fit-talb Nisrani flimkien għall-għaqda iżda saħansitra fl-1926 ippubblika "Suġġerimenti għall-Ottava ta' Talb għall-Għaqda ta' l-Insara", fejn kien issuġġerixxa li iktar Knejjes Insara jitolbu flimkien għall-għaqda. Fis-snin tletin, Wattson biddel l-isem "L-Ottava għall-Għaqda tal-Knisja" għal "L-Ottava mal-Katedra (siġġu) ta' l-Għaqda", fejn saħaq ħafna r-rwol tal-papat fl-għaqda tal-Knejjes Insara. Fl-1935, Abbe Paul Coutrier, qassis Kattoliku Franċiż, mexxa 'l quddiem "Ġimgħa Dinjija ta' Talb għall-Għaqda ta' l-Insara" li matulha l-Insara jitolbu flimkien "għall-għaqda li Kristu jrid bil-mezzi li Hu jrid". Talb Nisrani flimkien għall-għaqda ssokta jikber ġmielu mad-dinja kollha.

Mal-Konċilju Vatikan it-Tieni, 1962-1965, numru sabiħ ta' Kattoliċi Rumani ssieħbu ma' ħuthom l-Insara l-oħra biex f'Jannar ta' kull sena jitolbu flimkien għall-għaqda. Id-Digriet tal-Konċilju fuq l-Ekumeniżmu, *Unitatis Redintegratio*, li ġie ippromulgat fl-1964, sejjaħ it-talb bħala r-ruħ tal-moviment ekumeniku, filwaqt li fl-istess ħin inkuraġixxa l-ħaris ta' dak li llum huwa magħruf bħala l-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda ta' l-Insara. Fl-1966, il-kummissjoni "Fidi u Ordni" tal-

Kunsill Dinji tal-Knejjes *(World Council of Churches)* u s-Segretarjat tal-Vatikan għall-Promozzjoni ta' l-Għaqda ta' l-Insara bdew jaħdmu flimkien għal test wieħed u internazzjonali li kellu jintuża ma' l-erbat irjieħ tad-dinja. Ngħidu aħna, fl-Istati Uniti sa mill-1968, dawn it-testi internazzjonali, li huma msejsa fuq temi proposti minn gruppi ekumeniċi madwar id-dinja, ġew żviluppati, adattati u ppublikati għall-użu mill-*Graymoor Ecumenical & Interreligious Institute* ta' l-imsemmija *Society of the Atonement*. Biex jgħin f'din l-inizjattiva, il-*Graymoor Ecumenical & Interreligious Institute* jistieden kontribuzzjonijiet minn ekumenisti (studjużi-ħaddiema fl-ekumeniżmu) u kapijiet ta' Knejjes fl-Amerika.

Ta' kull sena, it-tema u t-testi għall-Ġimgħa ta' talb għall-Għaqda ta' l-Insara huma mħejjija minn grupp internazzjonali li l-membri tiegħu huma maħtura mill-



kummissjoni "Fidi u Ordni" tal-Kunsill Dinji tal-Knejjes, kif ukoll mill-Kunsill Pontifiċju għall-Promozzjoni ta' l-Għaqda ta' l-Insara. Għal din is-sena, jiġifieri 2001, dan il-grupp beda minn *drafts* li ġew imħejjija minn grupp ekumeniku fir-Rumanija. Sa mill-1948, l-Insara nġabru flimkien f'din l-art biex jitolbu għall-għaqda, filwaqt li fl 1964 iċċelebraw il-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda ta' l-Insara.

Għal din is-sena, iċ-ċelebrazzjoni tal-Ġimgħa ta' Talb għall-Għaqda ta' l-Insara, il-grupp ekumeniku ħa il-kliem ta' Ġesù, "Jiena it-triq, is-sewwa u l-ħajja", mill-Evanġelju skond skond Ġwanni. Dawn il-kelmiet ġew imtennija għal bosta drabi matul it-tmint ijiem ta' talb għall-għaqda. ❑

## MEDITAZZJONI

***minn P. Charles Delia SJ***

### *"Tela' l-għolja u sejjaħ lil dawk li ried hu, u marru għandu"*
### *(Mk 3, 13)*

Hemm fuq il-għolja, qrib Jaħweh, Missierek
u f'ismu, sejjaħt lil dawk il-ftit
li ridt, u għax ridt int!
Semgħuk u qalbhom bħal ħebbrithom,
Donnhom ħassew x'jiġbidhom lejk,Ġesù,
- Imgħallem li saħħart lill-ħafna nies,
li "ħlejt" ħajtek għall-imwarrbin,
għall-fqar u għan-neqsin.
Li ma ħedejt qatt issabbar, tfejjaq, tħenn,
Biex hekk issir il-bniedem ta' l-oħrajn -

Minkejja l-ħsejjes l-oħra madwarhom,
Widnejhom misnuna semgħu s-sejħa dawk il-ftit
U tqanqlu, kull wieħed għalih, u lkoll flimkien,
Mislutin minn fost il-ħafna,
"Magħżulin"
Li għandek kien hemm dik ix-xi ħaġa
Li dejjem fittxew u dejjem xtaqu,
- għax għandek hemm il-milja tal-ħajja
U għandek biss id-dawl, is-sliem, il-hena -
Li xortihom bħal kienet marbuta ma' tiegħek,
U ġew, kull wieħed għalih u lkoll flimkien
Għax lilhom u lilhom biss
għażilt, Ġesù, biex ikunu miegħek,
U miegħek, mill-qrib, jifirħu u jibku.
Hekk u hekk biss, Mulej, stajt dak inhar
u llum (ukoll)
"Tagħmilhom tnax u tibgħathom ixandru
l-Bxara".



# SAN FRANĠISK FL-ARTI
# Monumenti u Statwi

IS-SEBA' PARTI

minn P. Martin MICALLEF OFMCap

**Ser inkomplu din is-serje billi f'din il-ħarġa ser nippreżentaw xi monumenti u statwi moderni li nsibu mifruxin f'pajjiżi differenti, liema monumenti huwa xhieda tad-devozzjoni kbira lejn San Franġisk imxerrda f'ħafna pajjiżi fi żminijiet differenti.**



1. Xogħol ta' l-iskultur P. A. Martini huwa dak li nsibu f'Kafarnahum, ġewwa Iżrael, ħdejn id-dar tal-Franġiskani li jieħdu ħsieb dan il-post għażiż li fih hemm dik li t-tradizzjoni għarfet bħala d-dar ta' San Pietru. Il-monument, li hu skultura fil-bronż, juri lil San Franġisk b'idejh il-fuq ifaħħar 'l Alla għall-ħolqien sabiħ tiegħu.

2. Dan il-monument jinsab f'Cagliari ġewwa l-gżira ta' Sardenja. Din hija skultura fil-bronż, maħduma mill-istess skultur. Dan il-monument ifakkar lill-Qaddis t'Assisi, patrun ta' l-ekoloġija, b'idejh miftuħin lejn is-sema u lejn l-art biex juri l-imħabba kbira li huwa kellu lejn il-ħolqien kollu.





3. Statwa oħra tal-bronż hija dik li tinsab fil-Mużew Franġiskan li hemm fill-Kulleġġ Internazzjonali tal-Franġiskani Kapuċċini f'Ruma. L-istatwa turi lill-qaddis t'Assisi għarkubbtjeh f'atteġġament ta' talb u ta' smigħ għar-rieda tal-Mulej. Fuq wara, fuq il-ħġieġ, hemm episdoji mill-ħajja tal-qaddis.

4. Fis-Santwarju Franġiskan ➡ ta' Poggio Bustone-Rieti, fl-Italja, insibu dan il-monument modern xogħol ta' Luciano Ronchi. Il-monument ifakkar il-ġrajja ta' meta San Franġisk għannaq miegħu l-lebbruż, mument importanti fil-ħajja ta' dan il-qaddis li dewwiblu qalbu bi mħabba għall-bniedem batut, kif jistqarr hu stess fit-Testment tiegħu.






⬅ 5. Monument modern tal-bronż huwa dak li nsibu ħdejn il-knisja tal-Kapuċċini ġewwa Wraclawiu, fil-Polonja *(xel-lug)*. L-istatwa turi lil San Franġisk b'idejh 'il fuq, b'simboli tal-ħolqien.




6. Monument ieħor ➡ modern ta' San Franġisk huwa dak li nsibu fi Frankfurt, il-Ġermanja. Din l-iskultura hija xogħol ta' B. Klein-hans, u tirrappreżenta lill-Fqajjar t'Assisi mdawwar bl-għasafar li tant kien iħobb.



⬆ 7. Monument oriġinali ta' San Franġisk huwa dak li nsibu fuq l-isptar li hemm ġewwa San Giovanni Rotondo fl-Italja. Dan l-isptar, jew aħjar kif inhuwa magħruf, *"Casa Sollievo della Sofferenza"* ġie mwaqqaf mill-Beatu Piju, eżattament qrib il-kunvent li fih għadda ħafna mis-snin tal-ħajja tiegħu. L-istatwa turi lil San Franġisk b'idejh miftuħin imdawwar bl-għasafar.

# Jiktbilna Fr. Philip Cutajar



Għażiż Fr. Joe,

Nirringrazzjak ta' l-aħħar e-mail tiegħek. Ħadt ferm gost nisma' b'aħbarek. Jiena ninsab ferm kuntent, u jalla oħrajn minn Malta jingħaqdu miegħi f'din il-missjoni tant interessanti.

Nixtieq insellem lill-ħbieb u l-benefatturi tal-missjoni kif ukoll lill-*helpers* li hemm jaħdmu miegħek fl-Uffiċċju Missjunarju. Jiena sikwit niftakar fikom, u ta' kuljum nitlob għalikom, kif nemmen li intom ilkoll qed tagħmlu miegħi. Il-missjunarju, aktar minn għajnuna materjali, li hija meħtieġa ħafna, jenħtieġ wisq iżjed l-appoġġ spiritwali tat-talb tal-Knisja ... tal-komunitajiet ta' fidi li jemmnu fil-ħtieġa ta' l-evanġelizzazzjoni, u għalhekk jitolbu għall-aġenti tagħha, speċjalment għall-missjunarji. Ix-xogħol missjunarju huwa nobbli, huwa sabiħ, huwa ferm *fulfilling*, jagħtik ħafna sodisfazzjoni u orizzonti ġodda tal-ħajja li jkomplu jkabbruk mhux biss spiritwalment imma wkoll umanament ... però huwa impenn li fih l-iebes tiegħu, id-diffikultajiet, l-isfidi li l-missjunarju jiltaqa' magħhom u li ħafna drabi jħossu impotenti quddiemhom għax ma jkun jista' jagħmel xejn sabiex isolvi l-ħafna problemi ta' nies fqar, batuti u neqsin minn ħafna affarijiet essenzjali u li aħna neħduhom *for granted*. Għalhekk, huwa f'dawn il-mumenti li jitkarrab għall-appoġġ spiritwali tat-talb tagħkom.

Bħalissa għandi proġett li qed naħseb biex nibdieh qabel ma ninżel Malta. Ser niftaħ "skola tal-ħjata" bil-għan li ngħallem lit-tfal bniet, tfajliet u nisa adulti jħitu u jagħmlu xi rakmu. Diġà għandi grupp ta' nisa li sejrin jgħinuni bħala għalliema tal-ħjata. Li jonqosni huwa li nixtri l-makni tal-ħjata u l-materjal meħtieġ. Nixtieq li nibda dan il-proġett qabel ma ninżel Malta, ħalli niġbru lit-tfajliet matul ix-xahrejn tal-vaganzi mill-iskola. B'dan il-proġett inkun qed nagħmel dak li l-proverbju Ċiniż jgħid: "Lil fqir aħjar tagħtih qasba u tgħallmu jistad milli tagħtih ħuta biex jiekol". Huwa proġett li bih ngħin lit-tfal bniet, tfajliet u nisa sabiex ikunu jistgħu jaqilgħu xi ħaġa għall-ħajja ta' kuljum permezz tal-ħjata ... jew almenu jitgħallmu jħitu l-ħwejjeġ tagħhom huma, u b'hekk jiffrankaw il-flus.

Qaluli li ż-żjara tal-Papa kienet suċċess akbar minn ta' 11-il sena ilu. In-nies ikkoperaw aktar u kien hemm aktar organizzazzjoni. Jista' jkun li t-tliet beatifikazzjonijiet ġibdu ħafna nies ... jista' jkun ukoll, u jekk inhu hekk ikun imfaħħar Alla, li kien hemm żieda ta' aktar nies għax il-maturità nisranija fil-Maltin kibret.

Bħalissa fid-djocesi ta' hawn qed issir ri-orginazzazzjoni, u l-Isqof sejjaħli sabiex inkun fuq il-kummissjoni ta' din ir-ri-orginazzazzjoni. Jiena qed nagħmel mill-aħjar li nista'. Minbarra l-parroċċa, li fiha diġà ħafna xogħol, għandi r-responsabbiltà tal-morda tad-Djocesi. Dan ix-xogħol huwa ferm mifrux għax, minbarra l-kuntatt kontinwu li għandna ma' 4,000 marid, li 50 minnhom huma morda bl-*aids*, jiena responsabbli ta' 150 Ministru ta' l-Ewkaristija, ta' 254 li



jmorru jżuru lill-morda *(Visitadores de los Enfermos)* u ta' 250 ħaddiem nisrani fl-isptarijiet, djar ta' l-anzjani u sanatorji *(Trabajadores de la Salud)* li l-maġġoranza tagħhom huma tobba. Huma tliet kategoriji ta' nies li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-*Pastoral Asistencial de la Salud (P.A.S.)* li tagħha jiena responsabbli. Tista' timmaġina kemm ix-xogħol huwa mifrux, delikat u impenjattiv. Qed inpoġġi fil-prattika dak li tgħallimt mill-kors tas-CPE li għamilt f'San Francisco, California, sentejn ilu. Min jiġi hawnhekk żgur li jsib kamp vast ta' ħidma pastorali. Biżżejjed ngħidlek li fil-preżent id-Djoċesi, minn 34 parroċċa għandha 12-il parroċċa mingħajr kappillan. Dan minbarra l-*mission stations* li kull parroċċa għandha magħha. Per eżempju jiena fil-parroċċa tiegħi għandna tliet *mission stations* fejn għandi katekisti li jmorru jgħallmu kull ġimgħa, u jiena mmur inqarar u nqaddes kull ħmistax-il ġurnata jew kull xahar. Minbarra dan, kull nhar ta' Ħadd, wara li nispiċċa mix-xogħol fil-parroċċa tiegħi, qed immur inqarar u nqaddes f'parroċċa oħra, jisimha Baez, iddedikata lill-Madonna ta' Fatima, u li tinsab 40 kilometru 'il bogħod. Id-diffikultajiet ikomplu jikbru meta xi saċerdot jimrad jew imur pajjiżu għall-vaganzi.



Għall-aħħar ta' Mejju sejrin norganizzaw Ġimgħa Marjana. Is-sena li għaddiet konna għamilnieha u ħalliet ħafna frott spiritwali u pastorali. Kien għalhekk li l-Kunsill Pastorali Parrokkjali ddeċieda li jirrepeti din l-esperjenza għall-ġid tal-parroċċa. Fl-aħħar jumejn ser inġibu fil-parroċċa l-istatwa tal-Madonna tal-Karità li hija Patruna ta' Kuba, u għandu jiġi wkoll l-Isqof sabiex jiċċelebra l-quddies.

Jiena qed nippjana li nkun Malta għal nofs Awissu. Ma nistax niġi qabel minħabba l-volum ta' xogħol li rrid inwettaq sa l-aħħar ta' Lulju. Proprju bejn is-26 u d-29 ta' Lulju, fil-Parroċċa tiġi ċċebrata l-festa tal-Patruna: Santa Ana. Hija ħaġa xierqa li nibqa' mal-merħla għall-ġranet tal-festa. Dak in-nhar ukoll fil-parroċċa niċċelebraw il-Griżma ta' l-Isqof u għal din is-sena għandi grupp numeruż, kemm ta' adolexxenti (hawnhekk il-Griżma ma tingħatax jekk mhux meta jkollhom 14-il sena) kif ukoll ta' adulti li rritornaw fil-Knisja. Fil-festa patronali ħdejn Malta ma nagħmlu xejn speċjali ... però fis-sempliċità tal-festa li niċċelebraw jiena nieħu gost u jkolli sodisfazzjon spiritwali u pastorali kbir ħafna. Il-festi li nagħmlu, kollox isir fil-knisja għax m'għandna l-ebda permess li nagħmlu xi ħaġa barra l-bieb tal-knisja. Minn banda aħjar, ħalli b'hekk inkunu nistgħu nikkonċentraw fuq dak li huwa essenzjali għall-ħajja nisranija tagħna.

Inselli għal kulħadd.
Il-Mulej jagħtikom is-sliem!

## *CORPUS CHRISTI* F'KUBA WARA 42 SENA

Nhar il-festa ta' *Corpus Christi* bħala djoċesi kellna esperjenza sabiħa. Wara 42 sena, fejn fihom qatt ma stajna norganizzaw l-aktar purċissjoni essenzjali tal-fidi tagħna, il-gvern ta' Fidil Castro tana l-permess sabiex nagħmlu l-purċissjoni bis-Sagrament. Ingħaqadna bħala Djoċesi, speċjalment il-ħames parroċċi li niffurmaw iċ-ċentru tal-belt kapitali tad-Djoċesi. Bdejna b'quddiesa fi knisja ċentrali mmexxija mill-isqof Arturo Gonzaléz Amador. Wara l-quddiesa ħriġna bil-purċissjoni sal-Katidral; purċissjoni li damet siegħa u nofs. In-nies ġew bi ħġarhom, b'devozzjoni u fidi kbira, dixxiplina enormi, organizzazzjoni eċċellenti. Hekk kif l-isqof ħareġ bis-sagrament mill-bieb tal-knisja in-nies infexxew f'ċapċipa spontanja ta' ferħ. Uħud min-nies dehru bid-dmugħ f'għajnejhom. Ġesù Ewkaristija ħareġ wara ripressjoni ta' 42 sena fit-toroq ta' Santa Clara sabiex ibierek it-toroq, il-familji, il-postijiet tax-xoghol u lill kull bniedem ta' rieda tajba. Kienet esperjenza pastorali u spiritwali ferm qawwija. Kienet manifestazzjoni pubblika ta' fidi u mħabba lejn il-misteru ċentrali tal-ħajja u tar-reliġjon tagħna. Kienet turija li, għalkemm fl-imgħoddi r-ripressjoni kienet kbira, ostili u twila, madanakollu l-fidi għadha hemm, għada ħajja fil-qlub tal-Kattolici Kubani, mhux biss anzjani imma wkoll f'numru kbir ta' żgħażagħ u adulti, ta' kull sess u razza li hawn fil-pajjiż; anzi qed tikber, timmatura u tinferex. Hawnhekk tasal biex tifhem tassew x'valur fihom purċissjonijiet bħal dawn f'pajjiż fejn m'hemmx il-permess li jsiru. Imma issa, wara aktar minn 40 sena ta' kontroll assolut, il-gvern qed iċedi xi ftit, għalkemm għad jonqos ħafna. Dawn għalina, bħala missjunarji, huma mumenti li jagħtuna nifs, sodisfazzjoni spiritwali enormi, kuraġġ ħalli ma naqtgħux qalbna u tama għall-gejjieni aħjar, tama ta' "art ġdida u smewwiet ġodda" fil-pajjiż ta' Kuba u fost il-poplu tiegħu. ❑

minn P. William AXIAQ OFMCap

# Tentazzjonijiet fuq l-Isterilizzazzjoni



*Father,*
*Jiena mara miżżewġa li għandi fuq il-ħamsinijiet. Dan l-aħħar ħtieġli nagħmel operazzjoni komuni ħafna fostna n-nisa. Qgħadt għall-isterilizzazzjoni minħabba raġunijiet ta' saħħa. L-operazzjoni rnexxiet mija fil-mija. Iżda issa qiegħda ninnota affarijiet ġodda fija. Fejn qabel ma kontx naf x'inhuma ċerti tentazzjonijiet, issa bdejt mhux biss inħosshom imma nġarrabhom b'mod u manjiera qawwijin ħafna. Din il-ħaġa qiegħda tikkonfondini u tbeżżagħni. Irrid nibqa' subgħajja dritt ma' Alla u ma' żewġi. Tista' ddawwalni fuq din is-sitwazzjoni ġdida tiegħi?*

Fil-ħajja hemm ħafna affarijiet li, malli mmissu magħhom, ma jħalluniex l-istess. Fost dawn ta' min isemmi l-mard. Mal-mard indaħħal ukoll l-operazzjonijiet. Dawn jibdluna mill-qiegħnett mhux biss fiżikament u psikoloġikament imma anki spiritwalment.

Inti semmejt x'effetti sesswali bdejt tħoss malli għaddejt mill-operazzjoni ta' l-isterilizzazzjoni. Dan huwa naturali kemm jista' jkun, għalkemm mhux kull mara li tagħmel l-istess operazzjoni bilfors jiġrilha dak li beda jiġri lilek b'mod ġdid u qawwi.

Fil-bniedem hemm organi sesswali primarji u oħrajn sekondarji. L-operazzjoni li għaddejt minnha inti kellha x'taqsam ma' l-ewwel kategorija ta' membri sesswali. Il-ġuf jingħadd ma' dik il-klassi ta' organi. Jista' jiġri li, malli organu sesswali partikulari jitneħħa mill-ġisem, l-istint sesswali jista' jiddgħajjef u jispiċċa għal kollox jew, bil-maqlub, jista' jqum waħda sew fuq tiegħu u jieħu sfumaturi ġodda b'reazzjoni għal dak li jkun inqata' darba għal dejjem mill-organiżmu uman. Il-fiżiku kapaċi jagħmel dawn l-iskerzi ta' taqlib sesswali, meta jsib ruħu mċaħħad minn dak li hu tiegħu.

Barra minn hekk, il-*libido* (ġibda sesswali) fil-mara tista' tikkarga minħabba l-menopawsa u l-probabbiltà li tkun qed tieħu l-HRT (ormoni masikili u femminili).

Kull ċirkustanza ġdida li tiġi fuqna tbeżżagħna. Madanakollu m'għandekx għaliex tikkonfondi u tibża'. Dak li l-fiżiku ma jiħux bis-sewwa kapaċi jieħdu bid-dnewwa. Il-fiżiku, speċjalment taħt l-aspett sesswali, joqmos kontra ċerti interventi kirurġiċi. Dan jirriżulta f'tentazzjonijiet ta' natura sesswali, ġaladarba ħdan il-mara huwa marbut intimament mal-ħajja sesswali tagħha. Il-ġibdiet sesswali ġodda li qiegħda tħoss ta' spiss u b'mod qawwi tibqa' tħosshom, sakemm il-fiżiku tiegħek jidra bil-mod il-mod din is-sitwazzjoni ġdida.

Maż-żmien tara kif terġa' tibda tħossok aħjar, fis-sens li terġa' tikseb ċertu ekwilibriju sesswali, għalkemm, forsi, mhux daqskemm kont tgawdi qabel. Għalhekk ħu ftit paċenza bik innifsek, sa ma l-affarijiet jerġgħu jiġu kważi għan-normal.

F'din is-sitwazzjoni li sibt ruħek fiha m'għandekx għaliex toqgħod tibża' li se toffendi 'l Alla jew li se tisfa infidila lejn ir-raġel tiegħek minħabba dak li qiegħda tħoss. Fl-aħħar mill-aħħar, 'l Alla rridu nħobbuh fil-vokazzjoni tagħna mhux minkejja t-tentazzjonijiet imma bis-saħħa tat-tentazzjoni. Meta żżurna t-tentazzjoni u nirbħu, hawnhekk l-iżjed li nuru biċ-ċar li nħobbuh lill-Mulej. Hekk ukoll lir-raġel trid turi li tħobbu tassew mhux meta ma jkollokx tentazzjonijiet, imma meta jkollok it-tiġrib u tirbħu għall-imħabba tiegħu.

Fil-ħajja m'aħniex bħal ħut ta' l-akwarju, dejjem ngħumu f'ilma kalm. Ir-realtà tal-ħajja tgħidilna li f'ċerti ċirkustanzi rridu nħabbtu wiċċna mal-maltemp u ma' l-irwiefen tal-passjonijiet. Din hija l-kundizzjoni umana tagħna lkoll, li tkompli tikkumplika ruħha minħabba ċerti raġunijiet li m'għandniex kontroll fuqhom. Minħabba f'hekk, irridu nkunu dejjem għassa fuqna nfusna u ppreparati spiritwalment (talb, sagramenti, kontroll tas-sensi interni u esterni tagħna ...) ħalli, jekk jinqala' xi ħaġa minn taħt ir-riħ, inkunu diġà mħejjija b'garanzija li se nirbħuha żgur.

Naħseb li dawwaltek b'dak li għidtlek, u serraħtlek rasek fil-fixla li tinsab fiha. ❑

# Ġdid u attwali dejjem

minn P. Frans ABELA GIUSTI OFMCap.

L-EWWEL PARTI



San Franġisk ta' Assisi

F'kitba ta' qabel din, lil San Franġisk sejjaħnielu 'bniedem ġdid'. Ġdid jew mibdul mhux fis-sens ta' bniedem liebes xikk għal okkażjoni speċjali li malli tispiċċa jxidd fuqu ħwejjeġ ordinarji, imma ġdid fis-sens li mibdul darba jibqa' dejjem hekk, u allura dejjem attwali. Ismu, il-konverzjoni tiegħu u l-apparenza tiegħu huma l-prova ta' dan. Ibda minn ismu Ġwanni, mogħti lilu minn ommu, mibdul f'dak ta' Franġisku b'ordni ta' missieru, kien providenzjali, fl-użu ta' l-aġġettiv flok nom li bih xterdet b'ħeffa ma' kullimkien il-fama tiegħu. Il-konverżjoni tiegħu f'età ta' ħamsa u għoxrin sena, li għall-ewwel qanqlet ħafna stmerrija, bdiet bil-mod il-mod tinbidel f'ammirazzjoni u konsegwentement bdew iqisuh bi bniedem imġedded. Meta ġie wiċċ imb'wiċċ mas-sultan ta' l-Eġittu, li kien kontra l-Insara, dan baqa' mbellah għax ra fih bniedem differenti għal kollox mill-oħrajn. Dan l-effett bomba, li l-personalità ta' Franġisku dejjem qanqlet, tispjega l-attwalità tal-figura tiegħu anke għalina llum li nitħabtu biex insibu tarf ta' ħafna kobob imħabbla bla ma nqisu xejn stili ta' ħajja li fl-imgħoddi taw soluzzjoni sodisfacenti għal problemi li kienu jidhru sqaqien li ma jinfdux. Insemmgħu ġabra ta' problemi ta' llum u nippruvaw inħolluhom bl-għodda jew *skills* li joffrilna Franġisku, u hekk nibdew nindunaw bl-attwalità tal-messaġġ tiegħu.

## Ħtieġa ta' Nies Xhieda

Ftit sar jolqotna l-kliem u l-appelli li jsiru minn ċerti nies. Dak li jinfluwenzana u li jixprunana l-iżjed biex niċċaqalqu huma l-fatti. Il-Knisja twissina: "Il-bniedem ta' llum għandu fiduċja iżjed f'nies xhieda milli fl-imgħallmin, u jagħti piż iżjed lill-esperjenza milli lid-duttrina, iżjed lill-fatti milli lit-teoriji" (*Redemptoris Missio* 49). San Franġisk kien iħobb jgħid: "Il-bniedem juri xi jsarraf minn għemilu" (*Leggenda Perugina*). Hu kien bniedem li jippersonifika d-differenza li tgħaddi bejn min jgħallem u min jagħmel. Meta darba ħassu mħawwad minn tentazzjoni fitta, hu talab lil Alla x'kien hemm moħbi warajha, u skopra li kien hemm xi mumenti qosra li fihom hu ma kienx qed ikun mudell perfett għal ħutu (*Mera ta' Perfezzjoni*).

## Tmexxija flok Ħakma

Il-bniedem ta' llum tajjar minn fuqu ix-xekel tal-ħakma u mar fl-estrem l-ieħor li bih donnu ma jrid jirrispetta l-ebda awtorità. Dan l-estremiżmu jista' jitfejjaq bi tmexxija għaqlija. Il-Konċilju Vatikan II jgħidilna: "Qed nassistu għal umaniżmu ġdid li fih il-bniedem l-iżjed li juri min hu, hu fit-tħaddim ta' responsabbiltà korretta lejn ħutu" (*Gaudium et Spes* 54).

San Franġisk, lil wieħed mill-aħwa li ssuġġerielu li hemm bżonn li jkun aktar aħrax ma' certı suddıtı, wieġeb: "It-tmexxija ta' ħuti, min-naħa tiegħi, hi waħda spiritwali, dik li nieqaf lill-vizzji u nikkoreġihom. Jekk ma jirnexxılıx bıl-kelma t-tajba u bl-eżempju, mhux ser ninbidel f'bojja biex naħqar lill-ħatjin, kif jagħmlu l-gvernaturi ta' din id-dinja" (*Leggenda Perugina*).

Jeżisti xi eżempju ta' bniedem mgħobbi bir-responsabbiltà li ma weġġax lil ta' taħtu bil-mod kif mexxiehom aqwa minn Franġisku? ❑

www.gifrafloriana.cjb.net




# Il-Buffi u Aħna...

*(Siltiet mid-Diskors tal-President tal-Gi.Fra f'jum l-inawgurazzjoni tal-website nhar it-2 ta' Lulju 2001)*

Fix-xeni kollha li jitwettqu fiċ-ċirku hemm ħiliet kbar, imma donnu li l-istorja vera u reali, hi dik li jgħidu l-buffi.

Il-buffi mhumiex fiċ-ċentru tal-ġrajjiet li jseħħu fiċ-ċirku. Infatti jidhru bejn xena u oħra, jidħlu b'ilbies wiesa' u kollhom kuluri, jiġru u jaqgħu u jirnexxilhom jdaħħkuna mill-ġdid wara t-tensjoni li jkunu ħolqu l-eroj li nkunu ammirajna qabel. Il-buffi donnhom nies li qatt ma jġibuha żewġ, dejjem qishom ser jaqgħu, u jagħmlu ħafna affarijiet bil-maqlub. Għalihom inħossu aktar simpatija milli ammirazzjoni. Iktar milli nistagħġbu nħossuna nifhmuhom u, minflok b'tensjoni, inwieġbu għalihom bi tbissima. Għal ta' qabilhom ngħidu: "Kif jirnexxilhom", imma għall-buffi ngħidu: "Dawn bħalna". U allura dawn il-buffi jfakkruna fina lkoll li, minkejja l-waqgħat, il-bluhat u l-esperjenzi kollha tagħna, hemm dejjem qawwa ġdida biex nerġgħu nqumu u ngħixu esperjenzi ġodda.

Aħna ż-żgħażagħ tal-Gifra qed niċċelebraw xi ħaġa importanti; sempliċi fil-mod kif qed nagħmluha imma kbira fis-sustanza. Meta fil-kunsill konna qed naħsbu kif ser niġu aktar viċin ta' żgħażagħ oħrajn u magħhom naqsmu dak li nagħmlu, mal-ewwel kienet nibtet l-idea li nagħmlu *web page* fuq il-grupp tagħna. Tlabna lil James Mallia u Ruth Delia jidħlu għal din il-biċċa xogħol, li ma kinitx faċli, u huma aċċettaw minn qalbhom, u llum, għall-grazzja ta' Alla, din il-ħolma saret realtà. James u Ruth tawna biċċa xogħol ta' klassi u eċċellenti.


Anthony Fitzpatrick, President tal-Gi.Fra. waqt id-diskors tiegħu.

Din il-laqgħa hija importanti għax fiha ħafna ġesti; żgur tnejn prinċipali. L-ewwel, huma ġesti ta' memorja ta' passat, li lejh nistgħu nħarsu biex fih naqraw kuraġġ, determinazzjoni, impenn, fedeltà, diffikultajiet, qawwa biex dawn jintrebħu, sagrifiċċju u bosta persuni li lbieraħ u llum għaddew miċ-Ċentru tagħna u ħadu posthom tajjeb fil-ħajja. Hawn nixtieq b'mod partikolari nsellem lil oħtna Claire, illum Sr. Claire Agnes, soru Klarissa tal-Klawsura, li kienet membru ħaj fiċ-Ċentru tagħna.

It-tieni ġest, u f'dan importanti li wkoll ikollna u nuru apprezzament ta' xulxin u lejn xulxin, huwa ġest ta' impenn ġdid biex inkomplu nsaħħu t-tajjeb tagħna, biex nibqgħu fidili lejn l-impenn tagħna, u biex inkomplu nirriskjaw, noħolmu, niġġeddu, nivvintaw u niċċelebraw waqt li nibqgħu magħqudin flimkien.

Mill-qalb dan hu l-awgurju tiegħi, li nistgħu nkunu ftit buffi:

• buffi bħala membri tal-kunsill, għax quddiem ir-responsabbiltà faċli naqtgħu qalbna, u allura tajjeb li din ir-realtà nidħkulha, konvinti li l-Mulej se jkun magħna.

• buffi għax għalkemm dawn jidhru li huma dilettanti f'xogħolhom, fil-verità jkunu nies li huma vera professjonali, fis-sens li dak li se ngħaddu lil ħaddieħor rridu nkunu konvinti minnu l-ewwel aħna stess u mħejjija tajjeb fih.

• Buffi għax nistgħu nitkellmu fuq affarijiet profondi anki jekk jidħku bina. Affarijiet bħal li tkun sinċier, onest, twajjeb, vera miegħek innifsek, tafda li Alla qed imexxi l-istorja tiegħek u dik ta' madwarek, tħobb, tinvesti f'relazzjonijiet, taħfer, titħabat għal ħaddieħor, tiddefendi lil dawk li huma bla leħen, tara l-affarijiet sempliċiment kif inhuma, u l-bqija. Ikun hemm vera min jidħak bina, imma jkun hemm ukoll dawk li anki jekk jidħku, f'qalbhom f'xi ħin, jifhmu.

U kull darba li xi ħadd jaħseb u jsir konxju fuq it-teżori u l-veritajiet kbar li l-ħajja fiha, u jerġa' jsib il-qawwa biex ikompli jgħix, dak il-ħin inkunu qed nagħmlu storja. Storja li ma ssibhiex fi ktieb jew tibbrawsjaha fl-internet, forsi għaliha tbati wkoll, imma hi storja sabiħa; bħall-istorja qasira taċ-Ċentru tagħna li qed noħorġuha fil-beraħ biex niftakru, nagħmlu kuraġġ u niċċelebraw għax min jaf kemm-il darba seħħet, qed isseħħ u għad tibqa' sseħħ.

Fl-aħħar u mill-ġdid il-buffi li donnhom mhumiex l-attrazzjoni prinċipali taċ-ċirku. Mhux importanti min jidher l-aktar, min iżomm il-bandiera. L-importanti hu li fil-ħidma u l-ħajja tagħna nkunu qaddejja. Jalla l-atturi vera jibqgħu l-ħidmiet tagħna, tibqa' l-għaqda ta' bejnietna, dawk li jiġu jkellmuna, dawk li mmorru nżuru, dawk li jiġu jaraw xi skop għandna u għalfejn kull nhar ta' Tnejn u Ħamis niltaqgħu hawn. Aħna nistgħu nikkuntentaw li nkunu l-buffi, għax f'din id-dinja, li hi tant kbira u kultant komplikata, żgur hemm xewqa intima ħafna biex ngħixu l-parti l-oħra ta' l-eżistenza tagħna, il-parti li trid tilgħab, tiżfen, tidħak u tagħmel ħafna affarijiet oħra. U buffi għax, minflok inkunu aħna ċ-ċentru taċ-ċirku, taċ-Ċentru u tal-ħajja, inkunu qed nagħtu lil Alla l-post veru tiegħu: dak li jikteb il-paġna tal-ħajja tagħna u ta' dawk li naħdmu u niltaqgħu magħhom.

*Żur il-website taż-Żgħażagħ Franġiskani:*
**http://www.gifrafloriana.cjb.net**






# Kapitlu Nazzjonali Elettiv OFS

**Id-Delegati ta' l-Ordni Franġiskan Sekulari nġabru għall-Kapitlu Elettiv tagħhom għand il-patrijiet Fran-ġiskani Minuri, Villambrosa, Ħamrun, bejn it-12 u t-13 ta' Mejju 2001. Dan il-Kapitlu tmexxa mill-Ministru Ġenerali ta' l-OFS, Ms. Emmanuela DeNunzio, u mill-Assistent Ġenerali OFS, Fr. Zvonimir Brusac TOR. Matul il-Kapitlu inħatar il-Kunsill Nazzjonali, għat-tliet snin li ġejjien, minn dawn il-membri:**

**Joe Pace - Ministru Nazzjonali**
**Godwin Vella Clark - Viċi Ministru**
**Joe Sammut - Segretarju**
**Franca Zammit - Ekonoma**
**Joyce Zammit - Direttriċi tal-Formazzjoni**
**Joe Cassar - Kunsillier**
**Maria Mercieca - Kunsilliera**
**Evelyn Vella Clark - Kunsilliera**

**Fi ħdan dan il-Kunsill Nazzjonali hemm membru ieħor b'kariga ta' Kunsillier Internazzjonali fil-persuna ta' Charles Grech, liema kariga baqgħet tgħodd indipen-dentement minn din l-elezzjoni.**



# Tifkira ta' Patri Sebastjan Bonavia OFMCap 1917 - 2001

minn P. Franġisku Azzopardi OFMCap - Arkivista tal-Provinċja



Fis-17 ta' Mejju 2001 fid-9 a.m. sar il-funeral ta' Ħuna Patri Sebastjan Bonavia fil-Knisja tas-Salib Imqaddes, Floriana, b'quddiesa konċelebrata mmexxija miż-żewġ isqfijiet, Mons. Pawlu Darmanin, Isqof ta' Garissa, Mons. Francis Baldacchino, Isqof ta' Milindi, u mill-Ministru Provinċjali tal-Kapuċċini, P. Crispin Tabone. Bosta Aħwa Kapuċċini ssieħbu fil-Quddiesa *praesente cadavere*, waqt li kienu preżenti wkoll ħutu ma' familjari u ħbieb tiegħu.

"Fil-Ħajja twila li l-Mulej għoġbu jagħti lil Ħuna Sebastjan, Alla tah ħafna grazzji li tagħhom nirringrazzjawh, fosthom li jagħti lilu nnifsu kollu kemm hu lura lil Alla fil-ħajja kkonsagrata bħala Franġiskan Kapuċċin fil-Provinċja tagħna." Hekk beda l-Omelija l-Provinċjal fil-Quddiesa tal-Funeral. Tabilħaqq, P. Sebastjan għex 83 sena u 8 xhur, li 50 sena minnhom għaddihom f'ħidma missjunarja u pastorali f'diversi artijiet.

## TFULITU

P. Sebastjan twieled f'Tas-Sliema fl-20 ta' Settembru 1917 u ġie mgħammed bl-isem ta' Ramiro fil-Parroċċa ddedikata lix-Xebba Marija "Kewkba tal-Baħar".

Ramiro Bonavia kiseb it-tagħlim Primarju minn *Stella Maris College* immexxi mill-*Frères*, u dak Sekondarju mil-Liċeo tal-Belt Valletta. Kif temm l-istudju, ta' 16-il sena daħal jaħdem bħala *Apprentice Draughtsman* fil-Palazz tal-Gvernatur fejn dam xi snin.

Wara li qara l-ħajja ta' Sant'Antnin ta' Padova, huwa tħajjar iħaddan il-ħajja franġiskana. Fil-fatt, ta' 18-il sena beda n-Novizzjat, bl-isem ta' Fra Sebastjan minn Tas Sliema, ma' l-Aħwa Minuri Kapuċċini nhar it 8 ta' Diċembru 1935.

## STUDENT KAPUĊĊIN

Fit-3 ta' Jannar 1937 għamel l-Ewwel Wegħdiet, u fil-31 ta' Mejju 1940 ġeddidhom għal dejjem. Matul l-istudju nsibuh fil-Kunvent tal-Kalkara u, fi żmien il-Gwerra, fil Kunvent ta' Għawdex. Barra l istudji tal Filosofija u tat-Teoloġija, P. Sebastjan kien iħobb ħafna l-ilsna barranin: Latin, Taljan, Ingliż, Spanjol u Franċiż. Nifhmu kemm dawn l-ilsna sabhom ta' għajnuna fil-ħidma missjunarja tiegħu. Hu ġie ordnat saċerdot fit-23 ta' Settembru 1944.

L-ewwel sentejn wara l-Ordinazzjoni Presbiterali għaddihom f'qadi pastorali mill-Kunvent tal-Kalkara. Fl-istess żmien beda jħoss tikber fih aktar ix-xewqa li jmur jaħdem fil-Prefettura Appostolika ta' Jhansi fl-Indja. Imqar bħala student, kien President ta' l-Għaqda Missjunarja *La Divina Pastora* li kellha bħala skop tagħha t-tħeġġiġ taż-żgħażagħ għall-Missjoni. Il-ħajja tal-Kardinal Gulielmo Massaia, missjunarju Kapuċċin magħruf fl-Etjopja, kienet għalih ta' ispirazzjoni biex hu wkoll jidħol għal dik il-ħidma.

## MISSJUNARJU FL-INDJA

Is-siegħa li jwettaq ix-xewqa tiegħu waslet mal-ħatra ta' Mons. Franġisku Saverju Fenech OFMCap



*Il-missjunarji li marru l-Indja fl-1946. Mix-xellug: P. Publju Cassar, P. Anġlu Mizzi, il-Kanonku Dun Ġwann Micallef u P. Sebastjan Bonavia*

bħala Prefett Appostoliku ta' Jhansi fil-21 ta' Jannar 1946. Għas-sejħa f'appell li kien għamel Mons. F. S. Fenech, biex Aħwa oħra mill-Provinċja tagħna jissieħbu ma' dawk li kienu hemm qabel, wieġbu tlieta, fosthom P. Sebastjan. It-tnejn l-oħra kienu P. Anġlu Mizzi mill-Belt (+1957) u P. Publju Cassar mill-Isla. Ma' dawn ingħaqad ukoll il-Kanonku Dun Ġwann Micallef minn Birkirkara, li żmien qabel kien sieħeb ta' P. Anġlu Mizzi fl-Etjopja. Il-funzjoni tat-tluq saret fil-Knisja Parrokkjali tal-Marsa nhar it-22 ta' Lulju 1946.

P. Sebastjan ħadem għal madwar 16-il sena f'bosta stazzjonijiet tal-Prefettura ta' Jhansi, l-aktar f'Mahoba, Pakdilpur, Banda u Judepur Farm. Wara li P. Diegu Wyatt, Kapuċċin mill-Kalkara, ħalla l-Indja, insibu lil P. Sebastjan jibni d-Dar għall-Missjoni. Huwa kompla bil-ħidma missjunarja fl-Indja sal-1962, meta mar l-Awstralja. Wara żjara u waqfa ta' 5 xhur f'dak il-kontinent, hu wasal mill-ġdid Malta. Bil-ħeġġa tax-xogħol missjunarju li kellu u bis-saħħa fiżika tiegħu, f'Malta hu ma sabx "l-għalqa" adatta għall-ġejjieni li kellu quddiemu. Imma l-Mulej ma damx ma fetaħlu triq oħra.

## FL-AMERIKA LATINA

Tabilħaqq, bejn is-snin 1962 u 1963, il-Ministru Ġeneral ta' l-Ordni tagħna, P. Clement minn Miluakee (USA), wera l-ħsieb u x-xewqa li xi Kapuċċini Maltin imorru jgħinu lill-Kapuċċini Taljani u Spanjoli fil-Kustodja tal-Kolombja, iżda "bil-ħsieb aħħari" li fi żmien tajjeb il-Kapuċċini Maltin ikollhom f'idejhom Missjoni proprja tagħhom.

Għall-appell tal-Ġeneral wieġbu ħamsa mill-Aħwa tal-Provinċja, fosthom mill-ġdid P. Sebastjan. Dawn ħallew xtutna fit-22 ta' Ġunju 1963, wara li kienu rċevew il-mandat tal-Ġeneral tagħna minn idejn l-Arċisqof ta' Malta, Mons. Mikiel Gonzi, fil-Knisja tat-Trinità Qaddisa, il-Marsa, nhar id-19 ta' Ġunju 1963.

Fil-Kolombja, P. Sebastjan flimkien ma' P. Pietru Pawl Schembri, beda jagħmel sehem mill-Fraternità ta' Cali, bħala Viċi-Kappillan tal-Parroċċa San Piju X. Hemm, fis-26 ta' Settembru 1963, huwa ħa sehem f'Ġimgħa Biblika billi qara studju bl-Ingliż *"Beware of False Prophets".*

Wara ħames snin ta' appostolat fil-Kolombja, fil-21 ta' Diċembru 1968, P. Sebastjan ġie maħtur Kappillan ta' Parroċċa ġdida ta' Chulucanas, fid-Distrett Tambogrande, fil-Perù. Hemm għadda 4 snin ta' ħidma b'risq spiritwali tal-Parruċċani li kellu.





*P. Sebastjan imexxi Purċissjoni fil-Parroċċa ta' Chulucanas fil-Perù.*

*Fuq nett: Flimkien mal-Missjunarji li marru fil-Kolumbja fl-1963.*

## FL-AMERIKA TA' FUQ

P. Sebastjan, imbagħad, issokta jwettaq il-ministeru pastorali fid-Djoċesi ta' Arecibo, f'Puerto Rico, bejn l-1972 u l-1978. L-aħħar 15-il sena qabel ġie lura fil-Provinċja (1982-1997), huwa ma waqafx jaqdi lill-poplu nisrani fl-Arċidjoċesi ta' New Orleans, Louisiana, (USA), fil-bidu mill-Parroċċa ta' San Ġużepp (Djoċesi ta' Baton Rouge) u mbagħad mill-Parroċċa ta' l-Annunzjata bħala Viċi-Kappillan ta' Mons. Nicholas D'Antonio OFM, Isqof irtirat imma li kien għadu jaqdi bħala Kappillan.

## IT-TOQOL TAS-SNIN

Meta qorob it-80 sena, P. Sebastjan beda jħoss it-toqol tas-snin jagħfas fuqu. Matul is-sena 1997 saħħtu kienet iddgħajfet ħafna tant li kellu jittieħed malajr fi sptar fejn ġie operat. F'dik il-qagħda mwiegħra u ta' tħassib, huwa sab għajnuna kbira mill-Isqof Mons. N. D'Antonio, minn ħuna Kapuċċin P. Erkulanu Demaria u minn ħuh Rev. Lawrence Demaria. Għalkemm kien għadu dgħajjef f'saħħtu, P. Sebastjan wasal Malta fit-2 ta' Settembru 1997. Matul it-3 snin u 8 xhur li għadda fostna, minkejja li r-rieda ma naqsitlu qatt, saħħtu qatt ma reġgħet għalli kienet. Ħuna Sebastjan temm il-mixja tiegħu fid-dinja biex jibda ħajja oħra ta' sebħ fil-Mulej li tibqa' għal dejjem. Huwa miet nhar l-Erbgħa, 16 ta' Mejju 2001, fir-Residenza *St. Vincent de Paul*, Luqa.

Wara l-Quddiesa, il-katavru ta' P. Sebastjan sab il-mistrieħ tiegħu f'wieħed mill-oqbra tal-Kapuċċini fiċ-Ċimiterju Santa Marija Addolorata, Raħal il-Ġdid. ❑



# Radd ta' ħajr fis-Salib

minn Bro. Antoine EBEJER OFMCap

Fit-triq tal-penitenza San Franġisk l-ewwel ma ltaqa' kien ma' Kristu msallab. Id-dehra tiegħu, li jbati u jmut fuq is-salib għalina, imxiet matul ħajtu sakemm wasslitu li jsir ħaġa waħda ma' Ġesù msallab fuq il-għolja ta' *La Verna*.



Il-misteru tas-salib kien mezz qawwi li daħħal lil San Franġisk f'intimità kbira ma' Alla

Il-misteru tas-salib, għal San Franġisk, kien l-uniku mezz li, mhux biss daħħlu f'intimità kbira ma' Alla li ħabb, imma għamlu appostlu kbir ta' l-imħabba ta' Alla. Dakinhar, fuq il-għolja, talab żewġ grazzji li, qabel ma jmut, kemm jista' jkun, iġarrab f'ruħu u f'ġismu dak li ġarrab Ġesù fis-siegħa tqila tal-passjoni.

It-tieni grazzja li talab kienet li jħoss dik l-imħabba kbira li biha l-Iben ta' Alla, għax ried hu, ġarrab għalina midinbin tant tbatija. Fra Tumas minn Celano, fil-ħajja li kiteb fuq San Franġisk, jgħid li quddiem il-kurċifiss ta' San Damjan, San Franġisk stampa f'qalbu t-tbatijiet tal-fidwa qabel ma dehru f'ġismu l-pjagi fuq *La Verna*. Infatti, tant fehem din il-ħaġa, li naraw qalbu tfur f'għana ta' radd il-ħajr fl-Uffiċċju tal-Passjoni.

Il-Passjoni ta' Kristu kienet il-ħin kollu quddiem għajnejn San Franġisk huwa hu jaħseb fuq il-pjagi tiegħu li baqgħu stampati f'qalbu. Quddiem din l-imħabba li biha Alla ħabbna, San Franġisk ħass li għandu jtawwal ħarstu fuq il-Kurċifiss, jingħaqad miegħu u jsofri miegħu. U Ġesù qatagħlu xewqtu.

Fuq l-eżempju ta' Kristu ejjew naċċettaw it-tbatija u s-salib fil-ħajja tagħna, kif għamel San Franġisk b'tant ferħ. ❑

# Niġi minnha

minn *Lina BROCKDORFF OFS*

Il-pustier newwilli ftit ittri u ċirkulari, u bqajt dieħel bihom fil-kċina fejn għandi rokna għal qalbi. Poġġejt fuq il-pultruna u bdejt inferrex f'ħoġri dawk il-karti kollha. Logħba tal-boloh ... nipprova naqta' mingħand min ikunu ġejjin. Waħda minnhom laqtitni, kitba b'karattri kbar li għalija kienet ġdida għal kollox, envelop fin lewn l-avorju, bolla ta' l-Italja. Stramba, m'għandix min jiktibli minn hemm. Ċarratt l-envelop, minnu ħarġet folja żgħira pariġġu; l-istess karattri kbar. Ħarist lejn min bagħatha. Ma stajtx nemmen lil għajnejja ... El ... ena! Ma flaħtx inlissen dak l-isem. Bla kunjom. Qisu miegħi stħat tuża dak il-kunjom li bih qed tidher quddiem id-dinja kollha, kunjom misruq ta' raġel misruq, u li bil-liġi mhux tagħha.

Bdejt naqra waqt li għamilt ħilti kollha biex inżomm kalma. "Sinjura, nixtieq nurik l-apprezzament tiegħi għal kull ma għamilt ma' binti Stefania. Int tabilħaqq ġentili. Ħajr u sliem." Ma stajtx nifhem dawk l-erba' kelmiet sempliċi, u allura kelli naqrahom għal darba darbtejn oħra qabel ma rreġistraw dak il-messaġġ. Kienu l-ħdax ta' filgħodu u t-tisjir mhux lest. It- tfal jaslu fis-sagħtejn. Suppost li qomt u bdejt noħroġ ix-xirja minn ġol- basktijiet, imma bqajt hemm imsammra fuq il-pultruna. Riġlejja kienu bla forza, ġismi nħakem minn rogħda minn fuq s'isfel. Ma kenitx biss il-ħasda ta' dik l-ittra li għejjietni u heżżitni, imma dak l-aħħar xahar kont għaddejt minn taqtigħa emozzjonali u spiritwali mill-aktar ħarxa. Issa din l-ittra kien jonqos, eżatt meta ħsibt li l-maltemp kien għadda. Mhux talli ma kienx għadda, imma l-ittra reġgħet fetħet feriti li kien ilhom għoxrin sena, u li qatt ma rnexxielhom ifiqu u jagħlqu darba għal dejjem.

Xahar ilu kont ġejja lura d-dar tard bil-lejl minn tieġ; kont l-Imdina. Kienet ix-xita u żlieq ma' kullimkien ... fin-niżla tar-Rabat nilmaħ karozza tal-kiri mdaħħla ġo siġra ... ma kontx naf x'suppost li nagħmel, mara waħdi dak il-ħin ... setgħet kienet xi nasba, uliedi spiss iwiddbuni biex noqgħod b'seba' għajnejn. Imma jien impulsiva, reazzjoni naturali ġiegħlitni nwaqqaf ħesrem il-karozza tiegħi fil-ġenb, ħriġt torċa qawwija bil-batterija ... mort nittawwal ... tfajla wiċċha kollu demm mitluqa għal ġembha, riħa ta' xorb taqsam ... ma kenitx mejta għax kutant bdiet tingħi ... ħdejha l-borsa kannella sabiħa tal-ġilda ... ftaħtha biex nara jekk kellhiex passaport u hekk inkun naf l-identità ... iva sirt naf min kienet ... lanqas f'ħolma qatt ma kont nobsor sitwazzjoni bħal dik ... x'ser nagħmel la jaslu l-pulizija? Min ser ngħid li hi? ... kif tiġi minni? ... ġieni f'moħħi inneħħi mill-borża tagħha kaxxetta li kellha mimlija deheb, bla ma naf x'kont qed nagħmel tfajtha fil-karozza tiegħi biex nerfagħhomlha ... bdew jieqfu n-nies u ħadt ir-ruħ, għalinqas ma bqajtx waħdi ... ċemplu għall-ambulanza, imma qabel waslu l-pulizija. Riedu ħafna dettalji minni għax kont li wasalt l-ewwel, u issa daħlet kumplikazzjoni oħra ... setgħu jissuspettaw li kont il-kawża ta' l-inċident, ma kienx hemm xiehda ... iddeċidejt li niddikjara li jien niġi minnha ... mhux affarihom kif u x'fatta.

L-isptar ma kellix wisq problemi biex ninsisti li ridt nibqa' magħha, missierha u ommha l-Italja u jien l-istess kunjom, niġi minnha ... mill-bogħod. Kienet tinħtieġ ħafna ponti f'wiċċha, bżajt li kien hemm il-periklu li titlef għaj-nejha, imma serrħuli moħħi li ma kienx il-każ. Ħarġet mill-kamra ta' l-operazzjoni b'wiċċha



kważi mgħotti għal kollox, kienet għadha taħt il-loppju, qbadtilha idha f'idi u bdejt nitlob li jfittex jgħaddilha ... iva, jien stess skantajt bil-kuraġġ li ġieni biex nibqa' hemm ħdejha, u mingħajr ma ħsibtha darbtejn bdejt nitlob għaliha.

Bil-mod il-mod bdiet tistejqer, bdiet issejjaħ lil ommha ... bdejt b'leħni jirtgħod nirrepeti b'isimha bil-ħlewwa u nipprova nfehemha fejn hi qiegħda u x'kien ġara. Naturalment, l-ewwel mistoqsija tagħha kienet dwar min jien u għaliex qiegħda hemm ħdejha ... ippruvajt nitkellem b'konvinzjoni li bilkemm kont żgura minnha jien, iva jien kont li rajtha l-ewwel wara l-inċident u li jien bqajt magħha għax kont nigi minnha, niġi minn missierha mill-bogħod ... infatti l-istess kunjom. Serraħtilha moħħha li l-kaxxa fejn kellha ċ-ċrieket tad-deheb (li bosta minnhom kienu għabu mill-kexxun tiegħi għoxrin sena qabel!) qiegħda għandi flimkien mal passaport u xi flus. Skantat kif missierha qatt ma kellimha dwari, ratha stramba li qatt ma semgħet bija, xtaqet li ssir tafni sew. Kienet l-ewwel darba li ġiet Malta weħidha.

L-għada wara nofs inhar tard waslu ommha u missierha, u jien naturalment parpart qabel waslu huma. Ma kelli l-ebda xewqa naturalment li nħabbat wiċċi magħhom, għall-kuntrarju, laqgħa bħal din kienet tkun imbarazzanti għalija, wisq u wisq aktar għalihom. Wara bist lil Stefania u tajtha f'idha l-kaxxa biċ-ċrieket.

Iva, bist lil Stefania bl-ikbar imħabba ... jien ma kontx ommha, imma dak il-ħin xtaqtilha ġid u mħabba daqs li kieku kienet binti. Min jaf ... jekk dak l-uġigħ tal-qalb ta' għoxrin sena sħaħ jekk kienx hu li b'mod simboliku welled fija dak il-ħin l-imħabba għal Stefania! Kont naf li aktarx ma kelli ebda opportunità li nerġa' naraha kemm indum ħajja, u f'dawk il-ftit sigħat li kont qribha xtaqt ingawdiha u nagħtiha kemm niflaħ imħabba la darba kelli x-xorti li nsibha jien u nista' ngħid salvajtha jien.

Għal kull min rani l-isptar jien kont il-mara kalma, mara b'reazzjonijiet normali fiċ-ċirkustanzi li kont ninsab fihom. Min qatt seta' jobsor liema rwiefen kienu qed jaħkmu u jheddu li jfarrkuni minn ġewwa! Kienet din l-istess xebba li jien kont qed nitlob għaliha u nipprova nqawwilha qalbha, li għoxrin sena qabel, minħabba fiha, jien kont xrobt l-aħħar qtar ta' kalċi ta' pwieni kbar.

Żewġi kien telaq, siefer, alla m'għamlu. Imma fid-dinja kollox jinstama' llum jew għada ... sirt naf li saħansitra ġejja din it-tarbija mir-relazzjoni tiegħu ma' Elena. Kemm kont bkejt, u għal ħafna snin ħassejt fuqi d-dell iswed tal-mistħija mtaqqal bix-xewqa ta' vendetta, imqar li noqtol lil dik il-mara jekk mhux lit-tarbija wkoll.



Kienu jiem koroh, jiem li jien tlift saħansitra r-rispett lejja n-nifsi, l-għarfien ta' l-identità tiegħi beda jiċċajpar, bdejt nibża u nistħi min-nies, nipprova nimmaġina li jien xi ħadd ieħor biex b'hekk innaqqas b'xi mod il-weġgħat ta' qalb maqsuma. Ħaġa waħda biss

żammitli l-bilanċ delikat ta' moħħi, il-ħsieb li kelli nipprovdi xi biċċa ħobż għal uliedi, ridt immantnihom. Mur fehemhom x'kien ġara minn ħajjithom ... minn ħajja ta' sinjuri u ma jonqoshom xejn spiċċaw jiġu madwar mejda li bosta drabi kienet toffri biss ħobż u ġobon!

Imma forsi qed ngħaġġel wisq, għax qabel dan kollu kien hemm xi ħaġ'oħra li għenitni biex inżomm f'sikkti, kien id-driegħ ta' Alla ħanin li minn waqt għal ieħor, bid-dmugħ f'għajnejja, kont nitolbu ħaġa waħda biss "ħobżna ta' kuljum agħtina llum". Hu kien jifhimni, kien jagħdirni, kien jaċċetta dik it-talba li llum, jekk ngħidha weħidha tinstama' bla sens, bi ftit valur spiritwali ... imma Alla jaqra fil-fond ta' qalb il-bniedem, u jaqra ħżuż li bilkemm il-bniedem nnifsu ma jintebah li qegħdin hemm. Kont nitlob għall-ħobż għax mingħajru ma jgħixux uliedi, kont nitlob bħal tifla żgħira li għaliha t-talb jikkonsisti biss f'litanija waħda ta' "agħtini, agħtini ..." Fuq kollox Ġesù stess qalilna li jekk ma nsirux bħat-tfal żgħar ...

Imma Alla dejjem mal-bniedem. Kienu għaddew għoxrin sena, u f'dak iż-żmien twil, barra li kbirt fl-età, jien immaturajt ukoll. It-talb tiegħi ma baqax talb għal ħobż biss, kien hemm fost l-oħrajn talba oħra li kont neħtieġ aktar mill-ħobż, u din kienet il-qawwa li jien naħfer u naħfer bil-qalb lil kull min weġġagħni ... u għadu jweġġagħni. It-talb għandu qawwa tal-għaġeb. Waqt li qed naqra dawk il-ftit kliem ta' l-ittra irrealizzajt li kont għadni ma lħaqtx il-perfezzjoni tal-virtù tal-maħfra għax, malli rajt isimha, ħassejt il-bard ma' ġismi kollu.

Dellijiet u emozzjonijiet mill-passat qamu biex juru li għadhom jeżistu, il-bniedem huwa dgħajjef u jinħtieġ li jibqa' jissielet sa l-aħħar nifs ta' ħajtu meta forsi, fuq l-eżempju ta' Kristu, nittama li nkun kapaċi llissen: "Aħfrilhom, għax ma jafux x'qed jagħmlu".

Bla ma ridt u bla ma naf kif infexxejt nolfoq. Kien dmugħ ta' swied il-qalb, ta' qtigħ il-qalb jew ta' konsolazzjoni? Ma nistax ngħid. Tul dawk l-avventuri ta' l-aħħar xahar qatt ma bkejt, imma issa kien mod ieħor. Bħal sħab iswed, li kien ilu jinġema', fl-aħħar faqqa' l-maltemp. Dak id-dmugħ kien l-ilma li saffa l-fdal imtertaq ta' taqtigħa interna, kien il-pass finali fi proċess ta' katarsi spiritwali u emozzjonali.

Qomt mill-pultruna biex nibda nsajjar. L-ittra żammejtha għax kienet tfakkarni fi Stefania li sirt inħobb, xtaqt li b'xi mod, xi darba ... min jaf ... tgħid għad nerġa' naraha? Tgħid għad insib min jgħidilha l-verità ta' kif jien niġi minnha u temmen li jien inħobbha? ❑

# Lil Marija Addolorata

## 15 ta' Settembru

### *minn Frank Mercieca*

Ma ġibtx ward għal fuq altarek
L-anqas xemgħa għal ħdejn riġlejk,
'Ma ġejt waħdi biss b'ta' fuqi
Biex sogħbien jien noqgħod ħdejk.

Għax il-ward li f'Marzu jiftaħ,
Fommu jbexxaq ġo kull ġnien,
Biex lill-qlub magħdura jtaffi
U lill-moħħ sikwit għajjien,

Tittawwallu ftit jiem wara,
B'għaġeb kbir tilmħu midbiel,
Għax iz-zokk li fuqu żżarġan
Waqa' f'ħedla w lejn l-art miel.

Lanqas xemgħa ma ġibt miegħi
Għalkemm tikser dlam il-lejl,
Għalkemm taqsmu f'sahriet ħiemda
Ma' tektik l-arloġġ, bil-kejl.

Deheb u fided lanqas ġibtlek
Għax naf sew li ma jogħġbukx,
It-tlellix tal-ġid għaddieni
Fil-qalb tiegħek ma jferrħukx.

'Ma x'se nqiegħed jien ma' ġenbek,
X'ser nagħtik ħa ntaffi l-hemm?
Dawk ħaddejk tassew safrana,
Dak il-wiċċ tassew bla demm.

Jien f'riġlejk inpoġġi dnubi
U fi ħdanek il-ħtijiet,
Li kont tagħhom ħtija waħdi
Li ġarrabt maż-żminijiet.

U f'dirgħajk nifrex il-ktajjen
Li jassruni għal snin sħaħ,
Għax il-moħħ dgħajjef u fqajjar
Lil dal-ħama riedu u drah.

*Tkompli fil-paġna ta' wara ...*



*... Tkompli mil-paġna ta' qabel*

Għax x'ħin nilmħek f'dik il-ħasra,
F'dak il-baħar kbir ta' hemm,
B'dak is-sejf li 'l qalbek jinfed
Li qajl qajl ħajtek itemm,

Jien nintasab fiss inħammem
X'kien li ġiegħlek tagħmlu dan,
Li batejt qatigħ għalija,
Raxxejt fuqi frott kotran,

Allavolja bosta drabi
Triq is-sewwa jien fellaqt,
U t-tagħlim ta' ħoġor ommi
Bis-sieq tajtu u lilu tlaqt.

Għax għajnejk imsammra baqgħu
U minn fuqi int ma qlajtx,
Anki meta twiddib ommi
Jien barrejt u ma ħaddantx.

X'tista' ssejjaħ din l-imħabba
Jekk mhux biss tassew tal-ġenn,
Met'int bqajt issus u tishar
Fuq min fuqek l-għodda senn?

Jien ma rridx infarfar dnubi
Li ġarrabt matul iż-żmien,
Iżd'int taf, ħelwa Madonna
Kemm jien dgħajjef u għajjien.

U b'qalb niedma jien nitolbok
Biex għajnejk int ma terfax,
Biex tħarisni minn kull saram
Biex għall-qerq jien ma nerġax.

U sogħbien kollni nitniehed
Biex iżżommni taħt għajnejk,
Biex ma tħalli qatt li nitlaq
Mill-wens ħelu li nsib ħdejk.



## Mill-ittri tal-qarrejja

• May I congratulate you for your instructive and interesting periodical. I hope and pray that a great amount of good is created among your readers. Sincerely Yours, *Mgr. Leo J. White - London*

• Illum irċevejt il-ħarġa ta' Frar ta' **Dawl Franġiskan**. Din il-ħarġa kienet l-aħjar waħda li rajt, mhux għax ta' qabel ma kenux tajbin, imma din id-darba kien fiha ħafna affarijiet interessanti x'taqra. Ringrazzjament u awguri lil kull min għandu x'jaqsam fiha. Tislijiet. *P. Vella - Awstralja*

• Nixtieq l-ewwelnett nagħtikom prosit tar-rivista verament interessanti, u grazzi ħafna għall-minjiera ta' tagħlim li ta' kull darba tibagħtulna. Ir-rivista nħobbu naqrawha kollha speċjalment it-tagħlim ta' P. William Axiaq. Qed nibgħatlek xi bolol u *telecards* użati. Għandek ukoll donazzjoni għall-bżonnijiet tal-missjoni. Grazzi ħafna. *M.A. Attard - Siġġiewi*

# TISLIBA 16

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap*




1. It-tjieba tiegħu mhix żgħira. (Salm 117,2) (5)
2. Kien se jaħrab hawn. (Ġona 1, 3) (6)
3. Din u saħta. (Dt 11, 26) (5)
4. Telgħet mill-bir. (Apk 9, 2) (5)
5. Mhux hemm biss. (Est A, 7) (4)
6. Mhux ta' kanun, ta' ħwejjeġ. (Ġob 27, 16) (5)
7. Dak li ġieblu l-ħmieġ. (Tob 2, 10) (5)
8. It-tieni ta' Samwel. (1 Kron 6, 13) (5)
9. Hekk għamlu fuq il-Knisja. (Efes 1, 22) (3)
10. Mur lura *magħha.* (Rut 1, 15) (7)
11. u 12. Imqar quddiem dawn. (2 Mak 4, 47) (6)
13. Fost dan it- .... (1 Tes 3, 3) (6)
14. Kulur is-sħab. (Is 60, 2) (5)
15. Fil-... ta' Alla. (Kol 2, 12) (5)
16. L-aqwa fost ir-rgħajja. (1 Sam 21, 8) (5)
17. Aktar mill-qroll. (Lam 4, 7) (5)
18. Jiena, dan u Timotju. (2 Kor 1, 19) (7)
19. Dal-... stess. (Mk14, 30) (4)
20. Jixtiequ jagħtuh lil ismek. (Neħ 1, 11) (3)
21. *Ersqu,* kulu. (Ġw 21, 12) (5)
22. L-ewwel wieħed ta' Ġawan. (Ġen 10, 4) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' ĠUNJU / LULJU:***
*1. Iktar; 2. Ċrieket; 3. Karpu; 4. Ħorox; 5. u 19. Arkelaws; 6. Iġġib; 7. Korla; 8. Oħroġ; 9. Apk; 10. Profeti; 11. u 12. Ħtaftu; 13. Tilwim; 14. Stess; 15. Abjad; 16. Ħbula; 17. Itlaq; 18. Tel-abib; 19. Ara 5; 20. Lot; 21. Sewwa; 22. Lsira.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija:**
**MS. MARIA MUSCAT - XAGĦRA, GĦAWDEX**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**

# C.V.K.

# Ċentru Vokazzjonijiet Kapuċċini







Nhar is-7 ta' Ġunju ta' din is-sena fiċ-Ċentru tal-Vokazzjonijiet, li jinsab fil-kunvent tal-Kalkara, ġiet imtellgħa attività għat-tfal u ż-żgħażagħ, flimkien mal-ġenituri tagħhom, li jattendu f'dan iċ-Ċentru. F'din l-attività ġew ippremjati dawk it-tfal u ż-żgħażagħ li rebħu xi midalji fl-*Isports Day* u fit-*Tournament* tal-*football*. Għal din l-attività kellna magħna lil Fr. Joe Alessandro, Vigarju Provincjali, li qassam il-medalji, bierek it-*television* u l-*play station*, li nxtraw permezz tal-*5c stunt* li ġew miġbura mit-tfal u żgħażagħ, u għalaq b'kelmtejn ta' l-okkażjoni.

## L-Għan tal-ħidma taċ-Ċentru Vokazzjonijiet Kapuċċini

***L-Għan tal-ħidma tagħna f'dan iċ-Ċentru hu:***

• Noffru servizz ta' dixxerniment, orjentament u akkumpanjament għal dawk iż-żgħażagħ li jixtiequ jħaddnu l-ħajja tagħna.

• Noffru proposta vokazzjonali b'mod universali, bħala sejħa għall-ħajja kkonsagrata fi ħdan il-Knisja, u b'mod partikulari għall-ħajja Kapuċċina.

***Il-Ħidma tikkonsisti:***

• Laqgħat ta' kull xahar għall-gruppi tat-tfal minn Form 1 'l fuq u żgħażagħ li jiġu minn diversi parroċċi tagħna u lokalitajiet oħra.
• Esperjenzi ta' *Week-ends*
• *Seminars* u Rtiri għall-Kandidati Prospettivi
• Attivitajiet soċjali u laqgħat oħra matul is-sena.



**Jekk tixtieq tibda tattendi f'dan iċ-Ċentru Vokazzjonijiet Kapuċċini kkuntattja lil Fr Franco Fenech jew lil Br. Dennis Calleja fuq in-numri 825724 jew 800612 jew bl-e-mail cvk@mail.global.net.mt**

# "Intom id-dawl tad-dinja ...

## Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin ..." (Mt 5, 14.16)



**Agħti s-sehem tiegħek mid-dawl tal-fidi li qed jitkebbes fil-Kenja wkoll billi tgħinna niffurmaw saċerdoti u reliġjużi Kapuċċini Kenjani li jżommu ħajja l-fjamma tal-fidi fost in-nies .**

**BORŻA TA' STUDJU** hija offerta ġeneruża ta' Lm250 li tinqasam bejn is-seminaristi Kenjani tagħna kollha li qegħdin jitħejjew biex isiru reliġjużi u saċerdoti Kapuċċini. Din tista' tingħata anki minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata wkoll ftit ftit.

*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*
*Fr. Joe Alessandro,*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini*
*Floriana VLT 14*
*Tel: 233874 234949*